Vol 30
Nru 164
April - Ġunju 2009

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



L-ART IMQADDSA

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat ta' l-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju ta'
l-Art Imqaddsa

GRAFIKA:
P. Joseph Magro OFM

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€ 7 fis-sena
€12 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat ta'
l-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1188
Malta.
Tel: 21 242254
Fax: 21 252031

STAMPAT:
Best Print Co. Ltd.

Il-Materjal kollu li
jidher f'din ir-Rivista huwa
Copyright © tal-Kummis-
sarjat ta' l-Art Imqaddsa u
l-Edizzjoni TAU, 2009

comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

# Werrej


5


28


33



38


| | |
|---|---|
| 5 | L-Usurpazzjoni tal-Griegi Ortodossi |
| 13 | Pawlu ta' Tarsu (5) |
| 28 | Pawlu: Martri fil-Ħajja u fil-Mewt |
| 33 | It-Tnax il-Appostlu magħżula |
| 38 | Il-Ħaruf tal-Għid u San Pawl |
| 42 | In-Nawfraġju ta' San Pawl |
| 46 | Il-Misterju tat-Trinita (3) |




43

# Editorjal

ta' P. Twanny Chircop ofm



## L-ART IMQADDSA MAL-FRANĠISKANI. GĦALFEJN?

Ngħixu fi żmien li fih il-maġġoranza tal-Maltin u Għawdxin jivjaġġaw. Dan hu sinjal ta' progress ekonomiku u ta' kapaċità li niftħu l-orizzonti tagħna għad-dinja globali li fiha ngħixu. Ngħixu fi żmien li fih hemm kompetizzjoni ġusta u tajba, li fiha jirbaħ min joffri l-aħjar prodott. Dawn l-elementi mhumiex biss preżenti fil-qasam politiku, soċjali u ekonomiku ta' pajjiżna, imma daħlu wkoll fil-qasam reliġjuż.

Illum il-ġurnata diversi operaturi ta' l-ivjaġġar skoprew il-vantaġġi ta' dak li qiegħed jissejjaħ "turiżmu reliġjuż". Postijiet bħal: Lourdes, Ruma, Assisi, Medjugorje, saru ċentri li fihom imorru eluf ta' insara għal skopijiet reliġjużi, imma wkoll bi skop li jżuru postijiet sbieħ u turistiċi marbutin magħhom. It-turiżmu reliġjuż huwa industrija li tista' tħalli qligħ lil min iħaddimha. Pajjiżna stess hu rreklamat bħala ċentru għal turiżmu reliġjuż, l-aktar matul din is-sena li fiha qegħdin niċċelebraw l-2000 sena mit-twelid ta' San Pawl.

Wieħed mill-postijiet li jiġbed fih eluf ta' insara hu l-Art Imqaddsa. B'xorti tajba, l-attrazzjoni lejn l-Art ta' Ġesù ma tonqosx fost l-insara, ukoll jekk is-sitwazzjoni politika fil-Lvant Nofsani ma tkunx dejjem waħda ta' paċi.

Fl-Art Imqaddsa aħna l-Patrijiet Franġiskani ilna ngħixu stabilment mill-1229, u b'mod uffiċjali bħala Kustodji tal-Postijiet Qaddisa mill-1342. Konna aħna li rġajna bnejna mill-ġdid is-santwarji mġarrfin wara t-tmiem tal-ħakma tal-Kruċjati. Konna aħna li bnejna mill-ġdid komunità nisranija Kattolika. Konna aħna li lqajna eluf ta' pellegrini u waqqafnielhom l-ewwel "Casa Nova" jew ospizji maġenb is-Santwarji, biex isibu fihom kenn u jkunu jistgħu jżuru s-Santwarji tal-

*...editorjal*

## *L-Art Imqaddsa Mal-Franġiskani. Għalfejn?*



Fidwa bla xkiel. Konna aħna li waqqafna Kummissarjati ta' l-Art Imqaddsa, fosthom f'Malta (1636) biex inħeġġu lill-insara biex jiġu magħna l-Art Imqaddsa fuq pellegrinaġġi ta' fidi.

Illum il-ġurnata l-folja inqalbet. Ma għadniex waħedna. Għall-grazzja ta' Alla l-Art Imqaddsa tilqa' fiha eluf ta' insara li mhux possibbli li kollha jiġu magħna l-Franġiskani. Imma hemm differenza. Għaliex aħna l-Franġiskani norganizzaw pellegrinaġġi. Aħna ma nagħmlux "turiżmu reliġjuż". Forsi xi ħadd jistaqsi: hemm differenza bejn pellegrinaġġi u turizmu reliġjuż?

Il-pellegrinaġġ hu esperjenza ta' fidi li fih skop wieħed, jiġifieri li jġib lin-nisrani f'kuntatt dirett mal-persuna ta' Kristu fil-Postijiet Qaddisa li fihom għex. It-turiżmu reliġjuż hu esperjenza reliġjuża li tinkludi fiha mumenti ta' fidi u talb, imma li għandha wkoll skopijiet oħrajn leġittimi, inkluż il-qligħ ekonomiku għal min jorganizzaha.

Meta intom pellegrini tiġu l-Art Imqaddsa magħna l-Franġiskani tafu li qegħdin tiġu fuq pellegrinaġġ u mhux fuq vjaġġ turistiku, avolja ta' natura reliġjuża. Meta tiġu magħna l-Art Imqaddsa tafu li aħna l-Franġiskani aħna l-uniċi li ngħixu b'mod stabbli hawnhekk, u li għalhekk l-esperjenza tagħna u l-kliem li ngħidu ħerġin minn qalb li tħobb l-Art Imqaddsa, li taf l-Art Imqaddsa, li tifhem l-Art Imqaddsa, li għandha għarfien Bibliku dwar l-Art Imqaddsa li mhux possibbli li wieħed ikollu jekk ma jgħixx hawnhekk. Meta tiġu magħna l-Art Imqaddsa tafu li aħna l-Patrijiet Franġiskani norganizzaw pellegrinaġġi lejn l-Art Imqaddsa fuq bażi ta' apostolat u ministeru pastorali, u li għalhekk il-qligħ ekonomiku hu l-aħħar ħaġa li tgħaddilna minn rasna. Ix-xogħol tagħna hu kollu volontarju u magħmul biss għal skop qaddis. Tafu, għax rajtu b'għajnejkom, li aħna ma rridu l-ebda ħlas ħlief l-imħabba tagħkom lejn l-Art Imqaddsa, u li l-ħlas li nitolbu għall-organizzazzjoni ta' pellegrinaġġ hu biss dak mitlub mill-ispejjez komplessivi li jsiru, u li qatt ma nagħtu ċifri approssimattivi imma bis-sinċerità nitolbukom dak li hu strettament neċessarju biex tiġu l-Art Imqaddsa. Tafu li aħna kapaċi nurukom il-Postijiet Qaddisa u ngħinukom titolbu fihom fl-aħjar ħinijiet u okkażjonijiet, li dejjem aktar isiru prezzjużi quddiem l-eluf ta' pellegrini li joħonqu dawn is-Santwarji.

Din hi d-differenza bejn il-pellegrinaġġ lejn l-Art Imqaddsa li jsir mill-Franġiskani u kull tip ta' vjaġġ ieħor ta' natura reliġjuża, imma wkoll turistika, li legalment jista' jiġi organizzat minn aġenziji ta' l-ivjaġġar.

Nota ta' l-aħħar. Forsi ftit jafu x'inhuma l-liġijiet ta' l-Istat ta' Israel dwar min għandu dritt jiggwida pellegrini insara fl-Art Imqaddsa. Huma liġijiet stretti u serji. Min imur kontrihom ikun qiegħed jieħu riskji kbar għaliħ innifsu u għan-nies li jġib miegħu. Forsi l-preżenza tal-Franġiskani waqt pellegrinaġġ tista' sserraħ l-imħuħ ta' pellegrini li jafu li jiġu biex jisimgħu messaġġ nisrani minn saċerdot jew reliġjuż li jgħix l-Art Imqaddsa bħala missjunarju Franġiskan, u li mhux sempliċi gwida tat-turisti li moħħu biss li jieħu kommissjonijiet mill-ħwienet tas-sovenirs.

Il-kompetizzjoni hi tajba u ta' min jinkuraġġiha. Imma min hu intelliġenti jaf li l-kwalità tal-prodott ma tiddependix minn kemm hu rħis, imma minn kemm hu tassew utli u jtul fiż-żmien. Min ġie mal-Franġiskani fl-Art Imqaddsa jaf x'inhi din id-differenza.



# L-USURPAZZJONI TAL-GRIEGI ORTODOSSI

## NHAR ĦADD IL-PALM 1757

***Noel Muscat OFM***

Il-kwestjoni tal-Postijiet Qaddisa, li baqgħet qatt ma ssolviet għal kollox, hi waħda taħraq u kkumplikata. L-għarfien tal-ġrajjiet storiċi li wasslu biex fis-sena 1860 l-imperu Ottoman Tork jimponi fuq il-Knejjes Insara ta' l-Art Imqaddsa li «Status Quo», applikabbli għall-qagħda tat-tliet komunitajiet Griega Orotodossa, Latina Kattolika, u Armena Ortodossa fl-1757, għadu sallum liġi li torbot lil dawn il-komunitajiet Insara li huma proprjetarji u li juffiċjaw il-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu f'Ġerusalemm, il-Bażilika tan-Natività f'Betleħem, u

l-Qabar tal-Madonna fil-Wied ta' Ġosafat.

Fl-artiklu dwar ir-rewwixta li qamet kontra l-Franġiskani f'Ġerusalemm fl-1746, rajna kif il-Griegi Ortodossi kienu strumentali biex ikebbsu l-mibegħda tal-Musulmani Torok kontra l-Franġiskani. Il-problemi bejn il-Griegi Ortodossi u l-Franġiskani, rappreżentanti tal-Knisja Kattolika fil-Palestina, mhux biss ma naqsux, imma laħqu livelli allarmanti ta' tensjoni fis-sena 1757, li timmarka paġna ta' misthija fir-relazzjonijiet bejn il-Knejjes Insara u turi l-korruzzjoni sfaċċata ta' l-Imperu Ottoman li kien jaħkem il-Palestina. Mhux biss, imma din il-qagħda inġusta baqgħet qatt ma ssolviet minn ebda gvern li ħakem fl-Art Imqaddsa, la mill-Ingliżi waqt il-Mandat Brittanniku (1917-1947), la mir-Renju Ħaxemita tal-Ġordanja li taħtu kienu jaqgħu Ġerusalemm il-qadima u Betleħem (1947-1967), la mill-Istat ta' Israel, li okkupa Ġerusalemm il-qadima u Betleħem fl-1967, u lanqas mill-Awtorità Palestinjana, li llum għandha ġurisdizzjoni politika fuq Betleħem.

L-informazzjoni storika li sejrin nagħtu fil-kumplament ta' l-artiklu tinsab fil-volum ta' GIROLAMO GOLUBOVICH OFM, Biblioteca Bio-Bibliografica della Terra Santa e dell'Oriente Francescano, Nuova Serie – Documenti, Tomo XIV, Collectanea Terrae Sanctae, opus posthumum R.P. Leonardi Lemmens ofm editum cura et studio P. Hieronymi Golubovich ofm, Collegio S. Bonaventura, Ad Claras Aquas, Quaracchi 1933, pp. 121-157. Cfr. LEONARD LEMMENS OFM, Acta S. Congregationis de Propaganda Fide pro Terra Sancta, Quaracchi 1921-22, tomus II, pp. 156-160.

*Dħul għall-Qabar tal-Madonna fil-Wied ta' Ġosafat*



## Il-ġrajjiet ta' Ħadd il-Palm 1757 u l-effetti tagħhom

Fit-18 ta' Frar 1757, Patri Giuseppe da Bergamo, sagristan fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, kien jinsab fuq il-kornićun tal-koppla kbira jew «Anástasis», li ddawwar l-Edikola tal-Qabar ta' Kristu, inaddaf xi kwadri, meta waqa' għal isfel u qasam il-qorriegħa ta' rasu ma' l-art u baqa' mejjet. Malli l-Griegi Orotodossi ntebħu x'ġara bdew jakkużaw lill-Franġiskani li



kienu qatlu lil Patri Giuseppe da Bergamo. Ġew il-pulizija Torok biex jagħmlu inkjesta u talbu l-ħlas ta' 3933 «pjastri» mill-Franġiskani.
Sadanittant il-Franġiskani kienu proprjetarji tal-Qabar tal-Madonna fil-Wied ta' Ġosafat, li minnu kien fadal il-kripta Kruċjata li fiha tinżel permezz ta' ħafna turġien fil-qiegħ tal-wied fejn hemm il-Qabar vojt tal-Verġni Marija. Fid-9 ta' Ottubru 1756 huma qalgħu l-permess li jsewwu s-saqaf permezz ta' «firman» minn Kostantinopli li qamilhom 29050 «pjastri».
Il-pretensjonijiet tal-Griegi Ortodossi fuq il-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu u l-Bażilika ta' Betleħem, u fuq il-Qabar tal-Madonna, komplew dejjem jikbru, sa ma laħqu l-quċċata tagħhom fir-rewwixta ta' Ħadd il-Palm 1757.
Is-superjur Grieg Ortodoss tal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu kien jismu Sofronio, u kien hu flimkien mad-«dragomanno» tal-Griegi, li kien ukoll raħeb jismu Anania, li kienu sawtu lis-sagristan Franġiskan ftit żmien qabel, u kienu ġew ikkundannati għall-eżilju mill-qorti ta' Kostantinopli, għax kienu jħawdu l-paċi pubblika. Imma mbagħad baqgħu fejn kienu wara li l-Knisja Griega Ortodossa xaħħmet lill-imħallfin bil-flus.
L-ewwel inkwiet qam f'Marzu 1757, waqt li l-Franġiskani kienu qed jippruvaw isewwu l-bejt tal-kripta tal-Qabar tal-Madonna. Huma ġew

*Il-faċċata tal-Qabar tal-Madonna fil-Wied ta' Ġosafat*



*Papa Benedittu XIV*

attakkati mill-Griegi, u kellhom jaħarbu Fra Giovanni Ribera u t-Turkomanni li kienu qed isewwu s-soqfa.  Talli ndaħlet il-pulizija l-Franġiskani kellhom iħallsu 3500 «pjastri».
Fit-2 ta' April 1757, li kien Ħadd il-Palm, il-Griegi Ortodossi ftiehmu li jagħmlu usurpazzjoni organizzata tat-tliet santwarji li riedu jaħkmu taħt idejhom b'kull mod, jiġifieri l-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, il-Bażilika ta' Betleħem, u l-Qabar tal-Madonna.  Mill-kronaki ta' l-epoka jirriżulta li f'dak il-lejl tifel Grieg Ortodoss ħall il-ħabel ta' lampier tal-Franġiskani, u dan waqa' u tfarrak ma' l-art. Kienet azzjoni li forsi ma kellha l-ebda intenzjoni ta' ħażen ħlief li kien għemil ta' tifel imqareb, imma fit-tensjoni qawwija li kienet issaltan bejn il-komunitajiet Insara kienet qatra ilma li ferrgħet il-ġarra.  Qamet ġlieda sħiħa li fiha l-Franġiskani urew l-oppożizzjoni tagħhom, u l-Griegi Ortodossi irrispondew bi vjolenza liema bħalha, u bdew ifarrku kull ma sabu li hu tal-Franġiskani fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu.
Il-Franġiskani, li ntebħu bil-periklu ta' azzjonijiet simili għad-drittijiet tal-Knisja Kattolika fl-Art Imqaddsa, bagħtu rapport dettaljat ta' dak li ġara fil-lejl ta' Ħadd il-Palm lill-Papa Benedittu XIV; lill-Kardinal Ferroni, Protettur ta' l-Art Imqaddsa; lill-Ministru Ġeneral ta' l-Ordni, Patri Clemente Guignoni OFM; lir-Re ta' Spanja; lill-Imperatur Awstro-Ungariku; lir-Re ta' Franza, Protettur ta' l-Art Imqaddsa; lir-Re ta' Napli u Sqallija; lir-Repubblika ta' Genova; lill-Eminentissimu Gran Mastru ta' Malta Emmanuel Pinto de Fonseca.
Il-Franġiskani urewhom kif huma lkoll ġew insulentati bl-aġir tal-Griegi Ortodossi, li kienu għamlu ħsarat konsiderevoli lil diversi għotjiet li dawn is-sovrani kienu offrew lill-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. Biex issir verifika ta' dak li ġara wasal f'Ġerusalemm il-Baxà ta' Damasku.  Il-Griegi Ortodossi mill-ewwel ippruvaw jikkonvinċuh li l-inkwiet kienu bdewh il-Franġiskani, u li huma riedu jkissru dik il-knisja li l-Griegi kienu jqisuha bħala tagħhom b'mod esklusiv.  Il-Franġiskani kellhom iħallsu 25894 «pjastri» tal-proċessi legali, imma l-Griegi Ortodossi xaħħmu lill-imħallfin b'ħafna flus u rebħu l-kawża.

Fit-22 ta' Settembru 1757 wasal minn Kostantinopli d-«dragomanno» Grieg Anania, li kien mar biex iġib miegħu «firman» kontra l-Franġiskani, ħalli bih il-Griegi jieħdu pussess assolut u esklusiv tal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, tal-Bażilika ta' Betleħem, u tal-Qabar tal-Madonna.

Minn relazzjoni miktuba mill-Franġiskani f'dak iż-żmien, jirriżulta li l-Griegi Ortodossi kienu ħallsu 500 elf «pjastri» lis-«Sublime Porta» Ottomana f'Kostantinopli, biex akkwistaw dan il-«firman» ta' l-1757, wara li ppreżentaw dokumenti foloz li bihom riedu jippruvaw li huma kienu proprjetarji assoluti tal-Postijiet Qaddisa ħafna qabel ma daħlu l-Latini fil-Palestina. B'hekk il-Griegi Ortodossi rnexxielhom jakkwistaw bil-qerq il-pussess tal-Bażilika tan-Nativitá f'Betleħem, ta' l-Edikola tal-Qabar ta' Kristu, tal-Kalvarju u tal-Blata ta' l-Unzjoni fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu f'Ġerusalemm, u tal-kripta tal-Qabar tal-Madonna fil-Wied ta' Ġosafat, u ħallew lill-Franġiskani biss parti mill-Kalvarju u l-kappella li fiha kienu jitolbu bil-lejl (illum il-kappella tas-Sagrament).

Mhux biss il-Griegi Ortodossi rnexxielhom jakkwistaw privileġġi fuq il-Latini, imma talli ġiet l-ordni li l-Franġiskani fil-kunvent ta' San Salvatur ma setgħux ikunu aktar minn 32 patri. Dan kien ifisser li ma kinux jistgħu iżjed ilaħħqu mas-servizzi liturġiċi bi nhar u bil-lejl fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. B'xorti tajba għall-Franġiskani l-Baxà ta' Damasku kien mar pellegrinaġġ fil-Mekka u l-imħallef mibgħut minn Kostantinopli, li kellu jaqta' s-sentenza wara l-qari tal-«firman» tas-Sultan, kien miet. Fl-aħħar, fit-22 ta' Novembru 1757, wasal Ġerusalemm l-imħallef ġdid mibgħut minn Kostantinopli biex jaqta' l-kawża. Il-Griegi Ortodossi mill-ewwel daru miegħu, biex jippruvaw jikkonvinċuh jagħti l-privileġġi lilhom. L-imħallef mar joqgħod fid-dar privata tas-superjur tal-monaċi Griegi, Sofronio.

Fis-26 ta' Novembru l-Griegi rnexxielhom jikkonvinċu lill-imħallef biex jaqra uffiċjalment il-«firman» tas-Sultan. Għal-laqgħa nġabru l-kapijiet kollha. Meta waslu l-Franġiskani sabu miġburin għadd kbir ta' monaċi Griegi Ortodossi, u magħhom xi Armeni Ortodossi, li wkoll kienu sofrew l-inġustizzja għax il-Griegi riedu jusurpawlhom tliet monasteri f'Ġerusalemm. Imma wara li nġabar kulħadd ġiet kontrordni biex kulħadd imur lura fil-kunvent tiegħu. Il-Franġiskani u l-Armeni obdew, imma l-Griegi għamlu storbju sħiħ bil-protesti tagħhom. Wara ftit ġranet il-Griegi rnexxielhom ixaħħmu lill-imħallef bil-flus, u dan ordna li fit-3 ta' Diċembru jinġabar kulħadd mill-ġdid biex jinqara uffiċjalment il-«firman» tas-Sultan. Il-kontenuti tal-«firman» kienu għal kollox inġusti, kif naraw aktar 'l isfel meta nagħtu l-lista tal-konċessjonijiet mogħtijin lill-Griegi. Fis-6 ta' Diċembru l-imħallef ordna lill-Franġiskani li jagħtu lill-Griegi l-imfietaħ





*Il-Blata ta' l-Unzjoni*

tal-kripta tal-Qabar tal-Madonna fil-Wied ta' Ġosafat. Issa l-Franġiskani kienu qed jistennew li jkollhom ukoll iħallu l-Bażilika tan-Natività f'Betleħem.
Fl-istess ġurnata, iżda, il-Patri Kustodju rċieva l-aħbar minn Damasku li kien miet is-Sultan. Skopra wkoll li l-imħallef diġà kien jaf bil-mewt tas-Sultan fil-5 ta' Diċembru, jiġifieri jum qabel ma qara uffiċjalment il-«firman». Mhux biss, imma talli ġie magħruf li l-ambaxxatur ta' Franza quddiem is-«Sublime Porta», De Vergennes, kien akkwista «firman» ieħor mis-Sultan, li fih ġie ddikjarat li l-Franġiskani ma kellhomx jitilfu l-privileġġi li kellhom minn żminijiet qodma fis-Santwarji msemmijin. Għalkemm saru diversi petizzjonijiet lill-imħallef biex iwaqqaf il-proċedura ta' konsenji ta' Santwarji lill-Griegi, dan ma tax kas u baqa' għaddej. Fit-12 ta' Diċembru 1757 il-Franġiskani f'Betleħem irċevew l-ordni li jgħaddu l-imfietaħ tal-Bażilika tan-Natività lis-Superjur tal-monaċi Griegi Ortodossi. Imma l-Franġiskani wieġbu li huma kienu obbligati jobdu lill-awtoritajiet Ottomani, li kienu l-proprjetarji tas-Santwarji, u li għalhekk l-imfietaħ kienu lesti li jgħadduhom lilhom u mhux lill-Griegi. B'hekk l-imħallef kellu jaċċetta li jirċievi hu l-imfietaħ tal-Bażilika ta' Betleħem, u jgħaddihom hu lill-Griegi, li ħadu f'idejhom il-Bażilika b'mod inġust wara li l-Franġiskani kienu xtrawha b'somom kbar ta' flus fl-1690, fi żmien meta t-Torok Ottomani kienu jbigħu s-Santwarji bl-irkant lil min joffri l-aktar flus!

## Il-kontenuti tal-«firman» ta' l-1757

Il-«firman» hu dokument tas-Sultan Osman III, indirizzat lill-imħallef ta' Ġerusalemm, u li ntbagħat lejn nofs Awwissu 1757, favur il-pretensjonijiet tal-Griegi Ortodossi quddiem is-«Sublime Porta» ta' Kostantinopli.
Il-«firman» jgħid li, sa minn żmien il-Kaliff Omar al-Khattab (638), u minn żmien is-Sultan Selim Khan (1517), il-Griegi Ortodossi kienu akkwistaw id-dritt li juffiċjaw fil-knisja tal-Qamamè (Bażilika tal-Qabar ta' Kristu). L-istudjuż Girolamo Golubovich jipprova li din il-pretensjoni ta' dokumenti favur il-Griegi hi għal kollox falza, u li l-Griegi kienu iffalsifikaw dokumenti «storiċi», biex jippruvaw li huma biss kellhom id-drittijiet fuq il-Postijiet

Qaddisa. Wara introduzzjoni storika twila, mimlija inkorrettezzi storiċi, il-«firman» jagħti l-lista ta' konċessjonijiet mogħtijin lill-Griegi Ortodossi.
1) Il-Blata ta' l-Unzjoni, li kienet iġġib fuqha l-istemma Franġiskana (prova ta' proprjetà tal-Franġiskani), kellha issa sservi ta' post ta' kult ukoll għall-Griegi. Il-Franki (Franġiskani) u l-Griegi kellhom iqiegħdu l-istess numru ta' kandelabri fuq kull naħa tal-Blata ta' l-Unzjoni.
2) L-Edikola tal-Qabar ta' Isa (Ġesù) fiċ-ċentru tal-Bażilika kellha tkun post li fih juffiċjaw kemm il-Franġiskani kif ukoll il-Griegi. Imma billi l-Franġiskani kienu akkwistaw id-dritt li jsewwu l-koppla kbira tal-Bażilika («Anástasis») fl-1719, il-Griegi ippretendew li, jekk isiru ħsarat fuq il-koppla ċkejkna ta' l-Edikola, huma issa kellhom id-dritt li jirrestawrawha. Issa l-Edikola kienet reġgħet inbniet mill-Franġiskani fi żmien li kien Kustodju Patri Bonifacio da Ragusa (1555).
3) L-arkati tal-Kalvarju kellhom issa jinqasmu tnejn għall-Griegi (l-altar tal-post li fuqu miet Ġesù) u tnejn għal-Latini (l-altar tal-Kurċifissjoni). Il-Franġiskani tilfu kull dritt li juffiċjaw fil-post li fih miet Ġesù.
4) Is-7 «Arkati tal-Verġni» fis-sular ta' fuq kellhom jibqgħu post ta' abitazzjoni għall-Franġiskani, imma fil-Bażilika l-Griegi kellhom dritt jgħaddu minn taħthom fil-purċissjonijiet. Il-«firman» jhedded lill-Franġiskani b'kastigi jekk jixħtu ġebel u trab fuq il-Griegi meta jkunu għaddejjin f'din iż-żona tal-Bażilika (akkuża falza li kienu għamlu l-Griegi kontra l-Franġiskani biex jippruvaw jakkwistaw is-sular ta' fuq)!
5) Il-Bażilika tan-Nativitá f'Betleħem kellha tgħaddi kollha għall-użu tal-Griegi, għax dawn kellhom drittijiet esklusivi fiha sa mill-qedem. Fil-fatt, is-Sultan Murad IV kien tahielhom fl-1637, imma qabel kienet tal-Franġiskani, u fl-1690 il-Franġiskani kienu reġgħu akkwistawha lura wara li ħallsu flejjes kbar.
6) Il-Grotta tan-Nativitá kellha issa tiġi uffiċjata mill-Griegi Ortodossi u mhux biss mil-Latini, u l-Franġiskani kellhom jagħtu muftieħ ġdid tal-Grotta lill-Patrijarka Grieg u lill-monaċi tiegħu.
7) Il-Qabar tal-Madonna ġie ddikjarat li jappartjeni lill-Griegi u mhux lil-Latini. Għaldaqstant ir-restawri u l-uffiċjatura tiegħu kellhom isiru privileġġ tal-Griegi Ortodossi.
Il-ġrajjiet ta' Ħadd il-Palm 1757 kienu għaldaqstant għall-Franġiskani okkażjoni li fiha tilfu ħafna mid-drittijiet li huma kellhom fuq il-Postijiet Qaddisa. Il-fatt li l-Franġiskani baqgħu preżenti fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu u li baqgħu juffiċjaw fil-Grotta tan-Nativitá f'Betleħem, wara li tilfu l-użu tal-Bażilika, hu fil-fatt miraklu ta' l-istorja. Sfortunatament il-Franġiskani tilfu kull dritt fuq il-Qabar tal-Madonna, li sallum il-ġurnata għadu f'idejn il-Griegi Ortodossi.



*L-Edikola tal-Qabar*

Sadanittant fis-26 ta' Lulju 1758 wasal Kostantinopli Fra Giovanni Rivera, li bl-għajnuna ta' l-ambaxxatur Franċiż quddiem is-«Sublime Porta», De Vergennes, ippreżenta l-każ ta' inġustizzja li saret mal-Franġiskani min-naħa tal-Griegi Ortodossi, li usurpaw Santwarji li kienu ilhom żmien twil f'idejn il-Franġiskani billi iffalsifikaw dokumenti li bihom riedu jinsistu li dawn is-Santwarji kienu tagħhom fi żminijiet bikrija. Imma minkejja dawn il-protesti kollha l-Griegi baqgħu minn fuq fil-kwestjoni.

Fid-9 ta' Ottubru 1758 wasal il-Kummissarju tas-Sultan f'Ġerusalemm. Dan sejjaħ lill-Prokuratur tal-Franġiskani, li sab quddiemu l-Qadì u l-kapijiet politiċi. Inqara mill-ġdid il-«firman» ta' l-1757, favorevoli għall-Griegi. Mhux biss, imma talli żdiedu xi piżijiet fuq il-Franġiskani, fosthom li fl-Edikola tal-Qabar ta' Kristu l-Griegi dejjem kellhom permess li jkun hemm wieħed minnhom għassa, li l-Franġiskani kellhom ineħħu l-ħabel u t-tarjola li bihom kienu jtellgħu dak li jkollhom bżonn mill-«Arki tal-Verġni» fil-Bażilika għall-gallerija ta' fuq fejn kienu jgħixu.

Fil-15 ta' Ottubru 1758 il-Prokuratur issejjaħ biex jassisti għall-konsenja uffiċjali tal-Qabar tal-Madonna lill-Griegi Ortodossi, li setgħu juffiċjawh flimkien ma' l-Armeni Ortodossi. Fid-19 ta' Ottubru mbagħad kien imiss il-konsenja tal-Bażilika tan-Natività f'Betleħem. Il-Griegi Ortodossi ngħataw il-pussess tal-Bażilika. Lill-Franġiskani ordnawlhom ineħħu t-tiżjin liturġiku Latin minn fuq l-altar tan-Natività fil-Grotta. Saħansitra l-qerq tas-Superjur Grieg Anania wasslu biex jitlob li titneħħa l-istilla tal-fidda fuq il-post tat-twelid tal-Mulej, li fiha l-kliem Latini «Hic de Virgine Maria Iesus Christus natus est 1717», imma dan il-permess ma ngħatax. Din l-imbierka stilla kellha tkun okkażjoni ta' tilwim anke aktar tard, għax il-Griegi dejjem riedu jneħħuha, billi hi l-aktar sinjal ċar li dak l-altar kien tal-Latini. Lill-Franġiskani ngħata l-permess li juffiċjaw fuq il-Maxtura u fuq l-altar ta' l-Adorazzjoni tal-Maġi, u li jżommu l-bieb li jagħti mill-Grotta għall-Għerien l-oħrajn li huma proprjetà tal-Latini.

Il-Franġiskani tħallew iżommu ż-żona tal-kappellun tax-xellug tal-presbiterju tal-Bażilika tan-Natività, biex jgħaddu minnu għall-purċissjoni ta' kuljum lejn il-Grotta. Imma aktar tard, fl-1810, il-Franġiskani żbaljaw meta kkonċedew lill-Armeni li jqiegħdu altar mobbli f'dan il-kappellun, u fl-1814 l-Armeni akkwistaw id-dritt li juffiċjaw f'din iż-żona tal-Bażilika li bdew iqisuha tagħhom. Lill-Franġiskani ħallewlhom biss passaġġ dejjaq immarkat bl-imsiemer ma' l-art biex jgħaddu minn fuqu meta jmorru fil-Grotta. Wara ftit imbarraw il-bieb tal-kappellun li jinfed mal-kjostru ta' San Ġilormu (illum mal-knisja ta' Santa Katerina). Kien biss fl-1836 li l-Franġiskani akkwsitaw id-dritt li jiftħu l-bieb mill-ġdid, wara l-indħil tal-prinċep ta' Joinville, li kien fuq żjara fl-Art Imqaddsa, u sallum dan il-bieb jissejjaħ il-bieb ta' Joinville.

Il-kwestjoni tal-Postijiet Qaddisa għadha għaddejja sallum. Bħala eżempju nsemmu biss li r-restawr tas-soqfa tal-Bażilika tan-Natività, li huma perikolużi, għadu fuq il-mejda tat-trattattivi, għaliex il-Griegi Ortodossi ma jridux jaċċettaw li huma mhumiex waħedhom il-proprjetarji tal-Bażilika, imma huma ko-proprjetarji mal-Franġiskani u l-Armeni Ortodossi, għax fil-fatt li «Status Quo ante» ta' l-1757 hu mibni fuq pretensjonijiet foloz li huma ippreżentaw.

Il-metodi vjolenti tal-Griegi Ortodossi saru mbagħad evidenti fil-ġrajja ta' meta l-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu ħadet in-nar fl-1808, u l-Griegi akkwistaw id-dritt esklusiv li jirrestawrawha huma. Dwar dan nitkellmu fl-artiklu li jmiss.



# PAWLU TA' TARSU (5)

*Alfio M. Buscemi OFM*

## It-Tielet Vjaġġ Missjunarju

"Wara li għadda ftit taż-żmien hemmhekk (f'Antjokja tas-Sirja, Pawlu) telaq u qagħad idur minn post għal ieħor fl-art tal-Galazja u l-Friġja, iwettaq id-dixxipli kollha" (Atti 18,23). L-iskop ta' dan it-tielet vjaġġ apostoliku ta' Pawlu kien li jmur Efesu, fejn kien wiegħed lill-insara li kellu jerġa' jżurhom (Atti 18,21), u li l-Appostlu kien iqisha bħala l-bieb li minnu



seta' jxandar l-Evanġelu fl-Asja prokonsolari (1Kor 16,9). L-espressjoni "ftit taż-żmien" hi karatteristika ta' l-istil ta' Luqa, li mhux dejjem interessat fi kronoloġija preċiża. Il-fatt li ma hemmx distinzjoni ċara bejn it-tmiem tat-tieni vjaġġ u l-bidu tat-tielet, jurina li Pawlu ma setax dam ħafna f'Antjokja. X'aktarx li waqaf hemm biss fix-xitwa tas-sena 53 u fir-rebbiegħa reġa' telaq għat-tielet vjaġġ missjunarju tiegħu. Qabel ma mar Efesu, iżda, reġa' għadda miċ-Ċiliċja biex imur fil-Galazja u l-Friġja, li kien evanġelizzahom fit-tieni vjaġġ tiegħu.

## Pawlu f'Efesu

Wara li qasam l-altipjan Anatoliku, Pawlu niżel Efesu, l-aktar belt kbira u importanti ta' l-Asja Minuri, qrib il-kosta tal-Baħar Eġew. Fil-qedem il-belt kienet abitata minn popolazzjonijiet Asjatiċi. Qrib is-seklu 11 q.K. ġiet mirbuħa mill-Joniċi, immexxijin minn Androclo, li dawwarha bil-ħitan fuq ix-xaqliba tal-Muntanja Koressos u għamilha waħda mill-bliet tal-konfederezzjoni Jonika. Qrib is-sena 560 q.K. Efesu waqgħet taħt ir-re Creso tal-Lidja; fis-sena 494 ħakimha Ċiru l-Persjan. Wara l-mewt ta' Alessandru l-Kbir kienet parti mis-saltna ta' Pergamu. Fis-sena 133 għaddiet taħt il-ħakma tar-Rumani, li għamluha ċ-ċentru amministrattiv u reliġjuża ta' l-Asja prokonsolari. Kienet ċentru ta' kultura, belt li fiha twieled il-filosfu Heraclitus. Fuq kollox kienet iċ-ċentru tal-kult ta' l-alla mara Artemis (Artemide), meqjusa bħala l-alla-omm tal-kulti asjatiċi. F'Efesu kien hemm tempju majestuż lil din alla Artemis, li kien meqjus wieħed mis-seba' għeġubijiet tad-dinja. Fih kien hemm statwa ta' Artemis wara l-altar, li kienet skolpita minn meteorita, u għalhekk kien jingħad li "waqgħet mis-sema" (Atti 19,35).
Malli wasal Efesu, Pawlu, bħas-soltu, mar fis-sinagoga. Hemmhekk sab "dixxipli", jiġifieri Lhud-Insara, li kienu ġew evanġelizzati minn ċertu Apollo, u li kien jafu biss bil-magħmudija ta' Ġwanni u mhux b'dik ta' Kristu. Apollo jiġi introdott minn Luqa f'Atti 18,24-28. Kien wieħed mill-aktar figuri interessanti tal-

Knisja tal-bidu. Jiġi deskritt bħala "Lhudi minn Lixandra [...] raġel jinqala' biex jitkellem u għaref fl-Iskrittura" (Atti 18,24). Billi kien jaf biss bil-magħmudija ta' Ġwanni, ġie kkatekizzat minn Akwila u Prixxilla, li għallmuh b'eżattezza akbar "it-triq ta' Alla" (Atti 18,26). Minn Efesu Apollo mar Korintu, fejn baqa' jevanġelizza, u għalhekk ma kienx għadu Efesu meta wasal Pawlu. F'Korintu Apollo għamel suċċess, kif jidher minn 1Kor 1,12 u 3,6. Jissemma mill-ġdid f'Tit 3,13, u fit-tradizzjoni ekkleżjastika jingħad li kien isqof f'Korintu. Diversi eżeġeti jqisu lil Apollo bħala l-awtur ta' l-Ittra lil-Lhud, imma ma hemmx prova għal din it-teorija.

Pawlu ipprova jispjega b'mod aktar ċar it-tagħlim dwar il-magħmudija fl-isem ta' Ġesù u d-don ta' l-Ispirtu s-Santu bit-tqegħid ta' l-idejn. Fil-fatt, il-Lhud-Insara ta' Efesu qalulu: "Lanqas biss smajna li hemm l-Ispirtu s-Santu!" (Atti 19,2). Kien għalhekk li "tgħammdu f'isem il-Mulej Ġesù. Mbagħad, kif Pawlu qegħdilhom idejh fuqhom, niżel fuqhom l-Ispirtu s-Santu u bdew jitkellmu b'ilsna u jħabbru" (Atti 19,5-6).

Pawlu kompla jevanġelizza fis-sinagoga għal tliet xhur (Atti 19,8). Imma billi wħud fis-sinagoga kienu bdew jopponu lil Pawlu, hu ipprefera jwarrab minn hemm, u beda jgħallem lid-dixxipli fl-iskola ta' Tirannu. Xi kodiċi ta' l-Atti jgħidulna li Pawlu kien jgħallem il-fidi Kristjana mill-11 ta' filgħodu sa l-4 ta' wara nofs in-nhar. "Dan baqa' sejjer għal sentejn, tant li dawk kollha li kienu joqogħdu fl-Asja, kemm Lhud u kemm Griegi, semgħu l-kelma tal-Mulej" (Atti 19,10).

## Pawlu jikteb l-1 Ittra lill-Korintin minn Efesu

Waqt li Pawlu kien jinsab Efesu beda jirċievi aħbarijiet dwar il-komunità ta' Korintu. Xi ħadd f'dik il-komunità kien reġa' qabad it-triq tal-vizzju u beda jagħti skandlu lill-komunità. Hekk Pawlu kiteb ittra lill-Korintin, l-ewwel waħda, li ma waslitx għandna (cfr. 1Kor 5,9-13). "Ktibtilkom fl-ittra li ma tagħmluhiex maż-żienja" (1Kor 5,9). Minkejja dan jidher li l-affarijiet ftit li xejn inbidlu f'Korintu. Mhux biss, imma tnisslu firdiet fil-komunità. "Ħuti, in-nies ta' Kloji qaluli fuqkom li fostkom hemm it-tilwim: irrid ngħid jien, li kull wieħed minnkom qiegħed jgħid, 'Jiena ta' Pawlu,' 'U jiena ta' Apollo,' 'U jiena ta' Kefa,' 'U jiena ta' Kristu.' Jaqaw Kristu mifrud?" (1Kor 1,11-13). Biex isewwi din il-firda, Pawlu bagħat lil Timotju f'Korintu (1Kor 4,17) u beda jikteb l-1 Ittra lill-Korintin, li waslet għandna. Fl-ewwel taqsima tagħha (1,1-4,21), Pawlu jħeġġeġ lill-insara jibqgħu magħqudin, u jemmnu fil-kelma ta' Kristu msallab, "skandlu għal-Lhud u bluha għall-Griegi; iżda għal dawk li huma msejħin, sew Lhud sew Griegi, Kristu huwa l-qawwa ta' Alla u l-għerf ta' Alla" (1Kor 1,23-24).

Il-problema kompliet





tikkumplika ruħha b'każ ta' inċest f'Korintu. "Kulħadd sama' li hemm iż-żina fostkom, u żina li lanqas issibha fost il-pagani; jiġifieri li wieħed ikollu l-mara ta' missieru!" (1Kor 5,1). Pawlu jiskomunika lil dan l-individwu li skandalizza l-komunità.

Sadanittant waslu minn Korintu xi aħwa (1Kor 16,17) li qalulu bil-problemi u d-diffikultajiet tal-komunità. Din id-darba Pawlu wieġeb lill-insara b'ittra li llum tagħmel parti integrali mill-1 Ittra lill-Korintin. Nagħtu ħarsa fil-qosor lejn dawn il-problemi u t-tweġiba ta' l-Appostlu.

1) proċessi quddiem it-tribunali pagani (1Kor 6,1-11). Pawlu jeħodha kontra l-insara li kienu jirrikorru għat-tribunali pagani, u hekk jikxfu t-tilwim fi ħdan il-komunità, bi skandlu għall-istess pagani. Hu jistedinhom isolvu l-problemi tat-tilwim billi japplikaw il-prinċipju tal-maħfra kristjana.

2) ħarba miż-żina (1Kor 6,12-20). In-nisrani jsir ta' Kristu u ġismu hu tempju ta' l-Ispirtu. L-Appostlu jistieden għall-ħarba miż-żina u għall-qima ta' Alla permezz tar-rispett lejn il-ġisem.

3) żwieġ u verġinità (1Kor 7,1-39). Kemm iż-żwieġ kif ukoll il-verġinità huma don ta' Alla, imma l-istat tal-verġinità juri minn issa l-glorja tal-viżjoni ta' Alla. Kulħadd għandu jgħix skont is-sejħa ta' l-istat tiegħu biex jogħġob lill-Mulej.

4) l-ikel offrut lill-idoli (1Kor 8,1-10,33). Il-problema tidher f'biċċiet minn din is-silta. Jistgħu l-insara jieklu laħam li jixtruh meta jafu li qabel kien ġie offrut lill-idoli? Għal Pawlu ma hemmx problema, għax l-idoli mhuma xejn. Imma jekk jeħtieġ tinżamm l-għaqda fil-Knisja u biex ma jiskandalizzawx ruħhom l-Insara-Lhud, allura wieħed għandu jiċħad li jiekol laħam offrut lill-idoli, biex hekk iżomm il-paċi fil-komunità.

5) l-imġiba waqt il-ġemgħa liturġika (1Kor 11,2-14,40). Pawlu jikkundanna l-firdiet fil-komunità waqt l-ikla fraterna (ágape), li fiha xi nsara kienu jieklu sa jixbgħu u oħrajn jibqgħu bil-ġuħ. Din il-firda kienet kontrotestimonjanza għall-ikla ewkaristika ta' mħabba fil-komunità. Is-silta 1Kor 11,23-26 hi l-eqedem rakkont ta' l-istituzzjoni ta' l-Ewkaristija. Pawlu wkoll jitlob ordni fil-mod kif jiġu eżerċitati l-kariżmi, jew doni spiritwali tal-komunità, u juri li l-ogħla don hu l-karità (1Kor 12,31-14,1) li mingħajrha ma għandhomx sens il-kariżmi l-oħrajn.

6) il-qawmien mill-imwiet (1Kor 15,1-58). Id-duttrina tal-qawmien tal-mejtin Pawlu jibniha fuq il-verità tal-qawmien ta' Kristu, li xi wħud kienu qed jiddubitaw minnha. Qawmien mill-mewt għan-nisrani jfisser li hu jiġi ttrasformat fix-xbieha glorjuża ta' Kristu.

1Kor tagħlaq bi stedina biex l-insara jħejju offerti ġenerużi għall-foqra ta' Ġerusalemm (1Kor 16,1-4). Pawlu ippjana li jibqa' Efesu sa Għid il-Ħamsin, imbagħad imur il-Maċedonja u jżur Korintu qabel imur lura Ġerusalemm. Iħabbar ukoll

li kellu f'moħħu li jxandar l-Evanġelju f'Ruma (1Kor 16,5-9).

## L-Ittra lill-Galatin

Fl-istess żmien li fih kien jinsab Efesu, fis-sena 54 w.K., Pawlu rċieva aħbarijiet mill-"Knejjes tal-Galazja". Minħabba li ndaħlu xi "aħwa foloz" (Gal 2,4), li bdew jippridkaw "Evanġelju ieħor" (Gal 1,6-9), dawn bdew iħawdu l-imħuħ. Kienu Lhud-Insara li bdew jgħidu li, biex wieħed isalva, mhux biżżejjed li jilqa' lil Kristu bħala l-unika triq tas-salvazzjoni, imma jeħtieġ li joqgħod għaċ-ċirkonċiżjoni u għal-Liġi ta' Mosè (Gal 2,3-5; 5,2-4; 6,12-13). Huma kienu jgħidu li ġew mibgħutin minn Ġakbu (Gal 2,12) u mill-kapijiet ta' Ġerusalemm, u li għalhekk kellhom awtorità fuq Pawlu u t-tagħlim tiegħu, li bih kien qata' l-Knisja mir-rabta tagħha mar-reliġjon Lhudija. Billi Pawlu ma setax imur personalment jerġa' jżur il-Knejjes tal-Galazja, hu ddeċieda li jikteb Ittra iebsa lill-Galatin (1,6-10; 3,1-5; 5,7-12), li għalina hi dokument prezzjuż u uniku dwar l-istorja tal-Knisja tal-bidu.
L-ewwel taqsima ta' l-Ittra (Gal 1,11-2,21) hi difiża qawwija li Pawlu jagħmel lill-ministeru apostoliku tiegħu. "Pawlu appostlu, mhux mill-bnedmin jew permezz tal-bniedem, iżda permezz ta' Ġesù Kristu u ta' Alla l-Missier li qajmu mill-imwiet" (Gal 1,1). Jitkellem dwar l-investitura ta' appostlu li hu rċieva fit-triq ta' Damasku, meta Alla irrivelalu lil Ibnu u bagħtu jxandru lill-pagani (Gal 1,15-16). Hekk Pawlu xandar lil Kristu msallab u l-messaġġ ta' salvazzjoni tiegħu (Gal 3,1; 5,11). Kontra dak li kienu jsostnu l-"aħwa foloz", Pawlu mhux veru li aġixxa waħdu, imma kellu l-appoġġ ta' "Ġakbu, Kefa u Ġwanni, li kienu meqjusin bħala l-kolonni" (Gal 2,9) tal-Knisja ta' Ġerusalemm. Kien minħabba din il-verità ta' l-Evanġelju li Pawlu waqaf lil Pietru f'wiċċu fl-inċident ta' Antjokja (Gal 2,11-14). Pawlu jxandar il-messaġġ ċentrali tal-fidi nisranija: "Aħna nafu li l-bniedem ma jkunx iġġustifikat bl-opri tal-Liġi imma bil-fidi f'Ġesù Kristu" (Gal 2,16).
L-Appostlu kien konvint bil-qawwa dwar li Kristu biss hu garanzija ta' salvazzjoni: "Ngħix, imma mhux iżjed jien, iżda jgħix fija Kristu. Il-ħajja li issa ngħix fil-ġisem qiegħed ngħixha bil-fidi fl-Iben ta' Alla, li ħabbni u ta lilu nnifsu għalija" (Gal 2,21).
Lill-Galatin Pawlu jċanfarhom fil-bidu tat-tieni taqsima: "Ja Galatin bla moħħ, min saħħarkom bi kliemu?" (Gal 3,1) Il-Liġi ta' Mosè ma tistax tagħti l-ġustifikazzjoni, imma hu biss Kristu. Hu Kristu msallab "li fdiena mis-saħta tal-Liġi billi sar hu nnifsu saħta għalina" (Gal 3,13) meta laqa' l-mewt fuq is-salib. Hekk il-barka ta' Abraham laħqet lill-bnedmin kollha, u mhux biss il-poplu Lhudi. Fil-fatt, il-veru nisel ta' Abraham mhuwiex dak skont il-ġisem, li sinjal tiegħu hi ċ-ċirkonċiżjoni, imma hu dak skond il-fidi fi Kristu (Gal 3,7-

20). “Kunu afu mela, li dawk li jgħixu fil-fidi, dawk huma wlied Abraham” (Gal 3,7). In-nisrani ma għadux iżjed taħt il-jasar tal-Liġi, imma taħt l-ubbidjenza tal-fidi u l-libertà ta’ l-Ispirtu, li jagħmilna wlied adottivi (Gal 3,21-4,31).
Meħlusin minn Kristu biex inkunu ħielsa (Gal 5,1) l-insara ma jistgħux jerġgħu lura għall-jasar tad-dnub (Gal 5,1-6,10). Huma issa msejħin biex jobdu l-Liġi ta’ Kristu (Gal 5,14; 6,2). L-Ispirtu s-Santu jaħdem fin-nisrani biex jagħmlu tassew ħieles. “Għaliex fi Kristu Ġesù, biċ-ċirkonċiżjoni jew mingħajrha, xejn ma jkun jiswa ħlief biss il-fidi li taħdem permezz ta’ l-imħabba” (Gal 5,6). L-Ispirtu s-Santu jħaddem fin-nisrani l-frott tiegħu.
“Il-frott ta’ l-Ispirtu huma: l-imħabba, l-hena, is-sliem, is-sabar, il-ħniena, it-tjieba, il-fidi, il-ħlewwa, ir-rażan. Kontra dawn ma hemmx liġi. Dawk li huma ta’ Kristu Ġesù sallbu l-ġisem bil-ġibdiet u l-passjonijiet tiegħu. Jekk ngħixu bl-Ispirtu, ħalli nimxu bl-Ispirtu” (Gal 5,22-25).
Fl-aħħarnett Pawlu jistieden lill-insara Galati biex “jerfgħu t-tagħbija ta’ xulxin” (Gal 6,2) u jiddikjara: “Ngħid għalija, ma jkun qatt li niftaħar jekk mhux



bis-salib ta' Sidna Ġesù Kristu, li bih id-dinja hi msallba għalija u jien għad-dinja. Għaliex, biċ-ċirkonċiżjoni jew mingħajrha, xejn ma hemm ta' siwi, ħlief il-ħolqien ġdid" (Gal 6,14-15).

## L-episodju ta' wlied Xeva

Il-ħidma ta' Pawlu f'Efesu saret hekk magħrufa li "Alla kien jagħmel mirakli mhux żgħar permezz ta' Pawlu; hekk li, meta kienu jieħdu mkatar jew fradal li jkunu messew miegħu u jqegħduhom fuq il-morda, dawn kienu jfiqu mill-mard tagħhom u l-ispirti ħżiena kienu joħorġu minnhom" (Atti 19,11-12). Imma xi eżorċisti Lhud ħasbu li kien biżżejjed li, bħal Pawlu, jirrepetu l-isem ta' Ġesù fuq l-imxajtnin biex jeħilsuhom mill-ispirti ħżiena. Hekk għamlu s-seba' wlied ta' ċertu qassis il-kbir jismu Xeva. Imma mhux biss ma rnexxielhomx joħorġu l-ispirtu ħażin, imma talli dan weġibhom: "Lil Ġesù nafu, u lil Pawlu nafu wkoll, imma intom min intom?" (Atti 19,15). U r-raġel imxajtan "ħebb għalihom, għelibhom ilkoll u qabadhom b'saħħtu kollha, hekk li ħarbu minn dik id-dar imneżżgħin u kollhom miġruħa" (Atti 19,16). Ir-riżultat ta' dan l-episodju kien li dawk kollha li kienu jipprattikaw il-maġija f'Efesu ġew u ħarqu l-kotba tas-sħaħar tagħhom.

## L-irvell ta' l-arġentiera ta' l-istatwi ta' l-alla Artemis

Atti 19,21-22 jgħidulna li, wara li kien ilu żmien twil f'Efesu, Pawlu ddeċieda li jgħaddi mill-Maċedonja u l-Akaja, u minn hemm imur lura Ġerusalemm, ħalli mbagħad ikompli triqtu lejn Ruma (1Kor 16,5-9; Rum 1,10-15 u 16,22-32). Imma sadanittant seħħet ġrajja gravi ġo Efesu. Wieħed arġentier jismu Demetriju, li kien jagħmel statwi tal-fidda ta' l-alla Artemis fit-tempju tagħha ta' Efesu, laqqa' lill-imsieħba miegħu fl-arti ta' arġentiera u xewwixhom kontra Pawlu l-messaġġ tiegħu: "Ħbieb, intom tafu li l-għana tagħna ġej mill-qligħ ta' din is-sengħa. Qegħdin taraw u tisimgħu li dan Pawlu qiegħed idawwar u jaqleb ħafna nies, mhux biss f'Efesu, imma tista' tgħid fl-Asja kollha. Qiegħed jgħidilhom li allat maħduma bl-idejn ma huma allat xejn. Dan hu l-biża' tagħna, li mhux biss din is-sengħa tagħna ma jibqgħux jistmawha, iżda li saħansitra t-tempju ta' Artemis il-kbira, l-alla tagħna, jiġi fix-xejn" (Atti 19,25-27). Dan id-diskors kien biżżejjed biex qajjem rewwixta popolari. L-arġentiera ħarġu jgħajtu:

*Efesu*





*Efesu*

"Kbira Artemis ta' l-Efesin!" (Atti 19,28), u qajjmu taħwida fil-belt, għax ġew ħafna nies jgħajtu magħhom fl-anfiteatru. Kif jiġri dejjem f'rewwixti popolari, "ġewwa fost il-ġemgħa kien hemm storbju sħiħ; min kien jgħajjat ħaġa u min oħra, u l-biċċa l-kbira lanqas biss kienu jafu għalfejn inġabru hemm" (Atti 19,32). Pawlu ried imur jikkalma l-ġemgħa, imma d-dixxipli ma ħallewhx. Sadanittant il-ġemgħa kaxkret magħha lil Gaju u lil Aristarku, sħab Pawlu.
Il-maġistrati ndaħlu fil-kwestjoni permezz ta' l-uffiċjal pubbliku, li kellem lill-ġemgħa b'toni diplomatiċi. Qalilhom li ħadd ma seta' jiċħad il-fatt li Artemis ta' l-Efesini kienet alla protettriċi tal-belt mill-istatwa tagħha fit-tempju, "li waqgħet mis-sema". Ma kienx hemm għalfejn dak l-istorbju, l-aktar għax l-irġiel li kaxkru biex isawtuhom ma kienu għamlu l-ebda delitt u qatt ma tkellmu direttament kontra l-kult lejn Artemis. Lil Demetriju u lill-arġentiera qalilhom li, jekk kienu jħossuhom offiżi, kellhom jirrikorru għand il-maġistrati. Dik il-ġemgħa kienet illegali, u kien hemm il-periklu li ċ-ċittadini jiġu akkużati b'ribelli. U hekk irnexxielu jikkalma l-folla u kulħadd reġa' lura lejn daru (Atti 19,34-41).
Pawlu jsemmi dan il-periklu li għadda minnu f'Efesu f'2Kor 1,8: "Ma rridkomx ma tkunux tafu, ħuti, bit-taħbit li ġie fuqna fl-Asja; konna magħfusin iżżejjed li ma konniex nifilħu u konna qtajna jiesna minn ħajjitna".

Ma nafux jekk wara dan l-irvell Pawlu kienx ġie maqful il-ħabs, u hekk kellu jistenna sa ma jitlaq minn Efesu. L-opinjonijiet ta' l-istudjużi fuq dan il-fatt ma jaqblux, ukoll jekk huma bosta dawk li jaħsbu li Pawlu kien tassew fil-ħabs f'Efesu. L-Appostlu nnifsu jidher li jirreferi għal dan f'2Kor 6,5 u 11,23, fejn jgħid li diġà kien il-ħabs aktar minn darba, u f'Rum 16,7, fejn Androniku u Ġunja jissemmew bħala li kienu miegħu fil-ħabs. Issa Pawlu mhux qed jirreferi għall-fatt ta' meta qafluh il-ħabs f'Filippi, għax Atti 16,25 jgħidu espressament li sieħbu fil-ħabs kien Sila. Għalkemm l-Atti 16,19-40 jsemmu biss il-fatt tal-ħabs ta' Filippi, ma ninsewx li Luqa spiss jiġbor fil-qosor il-ġrajjiet li jirrakkonta. Forsi Pawlu ġie arrestat wara r-rewwixta ta' Demetriju. F'Atti 20,19 Pawlu jsemmi kif qeda lill-Mulej fl-Aska prokonsolari. "Intom stess tafu kif jien ġibt ruħi kemm domt magħkom minn dakinhar li rfist l-ewwel darba fl-Asja, kif qdejt lill-Mulej bl-umiltà kollha, u bid-dmugħ u bit-tiġrib li fih sibt ruħi minħabba t-tnassis tal-Lhud".

## Pawlu fil-ħabs f'Efesu, jikteb l-Ittra lill-Filippin

L-ipotesi ta' żmien qasir fil-ħabs f'Efesu hu marbut mal-fatt li, waqt li kien il-ħabs, Pawlu kiteb l-Ittra lill-Filippin. Skont Missirijiet il-Knisja, l-"erba' ittri miktubin fil-ħabs", jiġifieri Filippin, Kolossin, Efesin u Filemon, inkitbu f'Ruma jew Ċesarija, fejn Pawlu dam żmien

twil maqful f'ħabsijiet (Atti 23,35; 24,23-27; 25,4.14; 28,16-30). Imma llum il-ġurnata l-eżeġeti huma tal-fehma li dawn l-ittri nkitbu fi żminijiet differenti, u li l-Ittra lill-Filippin inkitbet f'Efesu. L-argumenti favur din l-ipotesi jinkludu dawn li ġejjin:

1) Għalkemm Pawlu jsemmi l-"Pretorju" (Fil 1,13) u l-"palazz ta' Ċesari" (Fil 4,22), dan ma jfissirx neċessarjament li l-ittra nkitbet f'Ruma. Il-kelma "pretorju" kienet tindika r-residenza tal-gvernatur Ruman, u r-riferiment għall-"palazz ta' Ċesari" jista' jindika wkoll il-proprjetà li l-imperatur kellu kullimkien fl-imperu, li kienet immexxija mill-funzjonarji tiegħu.

2) Fl-ittri l-oħrajn "tal-ħabs", Pawlu jitkellem minn priġunija twila (Efes 6,19-20), hekk li Pawlu jsejjaħ lilu nnifsu "priġunier ta' Kristu Ġesù" (Efes 3,1; 4,1; Film 1.10). Imma Fil 1,30 jitkellmu minn priġunija reċenti, u li kellha tintemm malajr (Fil 1,12; 1,25-26; 2,23-24).

3) Il-faċilità li biha l-ittra ġiet kkomunikata minn Efesu għal Filippi (7 ijiem ta' vjaġġ) hi aktar kredibbli milli kieku l-ittra nkitbet f'Ruma, li hi ħafna aktar fil-bogħod.

4) In-nuqqas ta' qbil fil-komunità li titkellem dwaru Fil 1,14-17 nifhmuh aktar fil-kuntest ta' Efesu, milli f'dak ta' Ruma, fejn il-komunità kienet aktar magħquda.

5) B'din l-ipotesi nispjegaw aħjar ir-relazzjoni ma' 1Kor 1,17; 16,10, dwar il-vjaġġ ta' Timotju fil-Maċedonja.

L-Ittra lill-Filippin tidher mhux bħala kitba dottrinali, imma bħala ġabra ta' diversi biljetti żgħar li huma magħqudin flimkien f'ittra, li fihom l-Appostlu jikkomunika dak li kien qiegħed iħoss. Pawlu jgħid lill-Filippin li kien iħobbhom bl-istess imħabba ta' Kristu (Fil 1,1-11).

Lill-Filippin l-Appostlu jgħidilhom li, minkejja l-priġunija tiegħu, l-Evanġelju baqa' jixtered, hekk li l-aħwa kienu jippridkaw lil Kristu bla ebda biża'. Għalkemm mhux kollha kienu jippridkaw lil Kristu b'sentimenti tajbin, għal Pawlu l-importanti kien li jixxandar Kristu. Dan kien għalih motiv ta' ferħ. "Kristu jkun imsebbaħ fil-ġisem tiegħi, sew jekk ngħix u sew jekk immut. Għax għalija l-ħajja hi Kristu u l-mewt hi rebħ" (Fil 1,20-21).

Pawlu jrodd ħajr lill-Filippin tad-doni li bagħtulu, imma fuq kollox irodd ħajr lil Alla għaliex huma kienu qed iġibu ruħhom b'mod li jaqbel ma' l-Evanġelju, billi jikbru fi Kristu u filli jieħdu sehem fit-tbatijiet tiegħu u jimitaw lill-Appostlu. Hekk huma setgħu jkollhom is-sentimenti li kellu Kristu Ġesù fl-umiljazzjoni (kenosis) u l-glorifikazzjoni tiegħu. Dan it-tagħlim Pawlu jesprimih fl-innu kristoloġiku ta' Fil 2,5-11, li hu wieħed mill-isbaħ siltiet ta' Kristoloġija fit-Testment il-Ġdid.

Pawlu mbagħad jgħaddi għal argumenti aktar immedjati. Jgħid lill-Filippin li kien se jibgħatilhom lil Timotju, u li Pawlu nnifsu kellu



f'moħħu li jżurhom (Fil 2,24). Sadanittant kellu jibgħatilhom lil Epafroditu, li wara li kien marad f'Efesu, kien issa fieq, u kien se jieħu l-ittra ta' Pawlu lill-Filippin (Fil 2,19-30). Mill-ġdid Pawlu jwissi lill-Filippin biex jitbiegħdu minn dawk li riedu jippridkaw iċ-ċirkonċiżjoni bħala mezz ta' salvazzjoni. "Għax dawk li tassew għandhom iċ-ċirkonċiżjoni huma aħna; aħna li qegħdin naqdu lil Alla fl-Ispirtu u niftaħru fi Kristu Ġesù; aħna li ma nqegħdux il-fiduċja tagħna fil-ġisem" (Fil 3,3). Pawlu jtemm l-Ittra bit-tislijiet tiegħu u billi jirringrazzja lill-Filippin ta' l-għajnuna materjali li kienu tawh.

## It-2 Ittra lill-Korintin

Qabel ma Pawlu rnexxielu jħalli Efesu, reġa' sar jaf bl-inkwiet kbir li kien hemm fil-Knisja ta' Korintu. Kien għalhekk li hu bagħat ittra permezz ta' Titu. Lill-Korintin jgħidilhom: "Iva, jien ktibtilkom b'għafsa ta' qalb u bid-dmugħ" (2Kor 2,4). F'Korintu xi ħadd kien offenda lil Pawlu u lill-komunità Kristjana bil-goff. Hu jgħid lill-Korintin: "Issa intom għandkom tħennu għalih u tfarrġuh, li ma jmurx jaqta' jiesu taħt it-toqol tan-niket" (2Kor 2,7). Din l-ittra hi mitlufa, inkella sabet postha fil-kuntest tat-2 Ittra lill-Korintin kif nafuha llum. Wara li bagħat din l-ittra, Pawlu telaq minn Efesu lejn Troas, minn fejn salpa għall-Maċedonja. Fi Troas kellu jiltaqa' ma' Titu, biex dan jagħtih aktar informazzjoni dwar il-Knisja ta' Korintu. Billi dam ma wasal, Pawlu kompla triqtu lejn il-Maċedonja (2Kor 2,12-13) u sab lil Titu f'Filippi. Dan tah aħbarijiet tajbin, hekk li Pawlu għamel il-qalb biex imur Korintu. Biex iħejji għall-wasla tiegħu kiteb it-2 Ittra lill-Korintin u reġa' bagħatha permezz ta' Titu (2Kor 7,5-13; 8,6.16-17). Pawlu jibda l-ittra billi jbierek u jfaħħar lil Alla "li jfarraġna fil-hemm kollu tagħna" (2Kor 1,4). L-Appostlu jiddefendi ruħu quddiem il-Korintin, billi jgħid li hu dejjem ħadem għall-ġid tagħhom



bil-qdusija u s-sinċerità (2Kor 1,12). L-oġġett tal-predikazzjoni tiegħu kien dejjem Kristu, l-"iva" tal-Missier (2Kor 1,17-22). Quddiem il-Korintin Pawlu ma kellux bżonn ittri ta' rakkomandazzjoni. "L-ittra tagħna hi intom, miktuba fuq qlubna, magħrufa u moqrija minn kulħadd" (2Kor 3,2).
Fl-ittra Pawlu jiddefendi l-ministeru apostoliku tiegħu. L-appostli huma "ministri tal-patt il-ġdid, il-patt mhux ta' l-ittra imma ta' l-Ispirtu; għax l-ittra toqtol, imma l-Ispirtu jagħti l-ħajja" (2Kor 3,6). L-appostli ma jippriedkawx lilhom infushom, imma lil Kristu Ġesù, li jiddi fi qlubhom bil-ministeru apostoliku, biex juri l-qawwa tad-dija tal-glorja ta' Alla, li tiddi fil-wiċċ ta' Kristu (2Kor 4,1-6). Dan għalkemm l-appostli huma fraġli bħall-ġarar tal-fuħħar (2Kor 4,7). F'2Kor 5,11-21 Pawlu jagħmel stedina insistenti għall-konverżjoni. "Aħna ambaxxaturi ta' Kristu bħallikieku Alla stess qiegħed isejħilkom permezz tagħna. Nitlobkom f'ġieħ Kristu, ħallu lil Alla jħabbibkom miegħu" (2Kor 5,20).
Pawlu mbagħad jirrikmanda lill-Korintin biex jimpenjaw ruħhom bil-ħeġġa ħalli jikkontribwixxu fil-ġabra li hu kien qiegħed jagħmel għall-"foqra ta' Ġerusalemm" (2Kor 8-9). Jistedinhom biex jimitaw lil Kristu. "Intom tafu l-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, li għad li kien għani, ftaqar minħabba fikom, sabiex intom tistagħnew permezz tal-faqar tiegħu" (2Kor 8,9).
L-aħħar taqsima ta' l-Ittra (2Kor 10-13) hi riservata għal difiża qawwija ta' Pawlu kontra l-avversarji tiegħu. Hu jiddefendi ruħu mill-akkuża li kien dgħajjef meta jkun qrib il-Korintin u qawwi meta jkun bogħod minnhom (2Kor 10,7-11). Pawlu hu konvint li hu mhux "inqas minn dawn l-appostli kbar" (2Kor 11,5), jew super-appostli, li kienu jippretendu li ħadmu aktar minnu. "Imma – biex nitkellem ta' iblah – f'dak li ħaddieħor jagħmel wiċċu, nagħmel wiċċi jiena wkoll. Huma Lhud? Jiena wkoll. Huma Israelin? Jiena wkoll. Huma nisel Abraham? Jiena wkoll. Huma ministri ta' Kristu? Jiena - ħa nitkellem ta' iblah! – jiena aktar minnhom. Ħafna aktar minnhom fit-taħbit, ħafna aktar minnhom fil-ħabsijiet, aktar u aktar minnhom fis-swat..." (2Kor 11,21-29). U l-Appostlu jkompli jagħti lista ta' provi li għadda minnhom fil-ħajja twila ta' ministeru tiegħu, imma jispiċċa billi jgħid: "Jekk għandi niftaħar, niftaħar b'dak li hu dgħajjef fija" (2Kor 11,30). Fil-fatt, Pawlu seta' jiftaħar ukoll bir-rivelazzjonijiet (2Kor 2,1-10), imma hu konvint li fid-dgħufija tiegħu tgħammar fih il-qawwa ta' Kristu.
Pawlu jispiċċa l-Ittra billi jħeġġeġ lill-Korintin għall-għaqda fl-imħabba, imma jagħtihom twissija iebsa: "Nibża' li meta nerġa' niġi għandkom ... nsib ġlied, għira, korla, partiti, tqassis, qlajja', tagħjir, u taħwid. Nibża' li meta nerġa' niġi għandkom, Alla tiegħi jċekkinni minħabba fikom, u nibki minħabba ħafna minnkom li dinbu u ma kkonvertewx mill-faħx u ż-żina u t-tbaħrid li għamlu. Din hi t-tielet darba li ġej għandkom ... Għidtulkom minn qabel u nerġa' ngħidulkom ... li jekk nerġa' niġi ma naħfrilkomx" (2Kor 12,20-13,2).
Imma mbagħad Pawlu jispiċċa b'nota ta' tama. "Mill-bqija, ħuti, ifirħu, ħabirku għall-perfezzjoni, isimgħu milli wieħed jgħidilkom, kunu ta' fehma waħda, żommu s-sliem, u Alla ta' l-imħabba u s-sliem ikun magħkom" (2Kor 13,11).

## Pawlu fil-Maċedonja u l-Akaja. L-Ittra lir-Rumani

Wara li Pawlu żar il-komunitajiet ta' Filippi, Tessalonika u Berija, huwa baqa' "għaddej minn dawk l-inħawi u kien iħeġġeġ lid-dixxipli b'ħafna kliem" (Atti 20,2). Hawn min jaħseb li f'dan iż-żmien Pawlu mar jevanġelizza wkoll l-Illirja (Rum 15,19) u Nikopoli fl-

Epiru (Tit 3,12). L-Atti juru lil Pawlu li jmur fil-Greċja u preċiżament f'Korintu, fejn dam it-tliet xhur tax-xitwa jistenna sa ma jmur lura fis-Sirja bil-baħar. Kien f'dan il-perjodu tax-xitwa tas-sena 57-58 li Pawlu kiteb l-Ittra lir-Rumani.

L-Ittra lir-Rumani tiftaħ bi prologu solenni (Rum 1,1-7), li fih Pawlu jippreżenta ruħu bħala "qaddej ta' Kristu Ġesù, msejjaħ biex ikun appostlu, maħtur għall-Evanġelju ta' Alla". Dan l-Evanġelju kien imwiegħed fil-Kotba Mqaddsa tat-Testment il-Qadim, l-aktar mill-profeti, li ħabbru t-tnissil ta' Ġesù Kristu mill-familja ta' David skont il-ġisem. Ġesù Kristu ġie maħtur Iben ta' Alla skont l-Ispirtu s-Santu li qajmu mill-imwiet. Din il-bxara t-tajba titwassal mill-appostli lill-bnedmin kollha, sabiex dawn jaslu għall-"ubbidjenza tal-fidi". L-Evanġelju hu l-qawwa ta' Alla għas-salvazzjoni tal-bnedmin kollha (Rum 1,18-11,36). Il-pagani jridu jikkonvertu mid-dnub ta' l-idolatrija, li bih ma għarfux lil Alla ħallieq permezz tar-raġuni, u ntelqu għal ħajja bla lġiem. Il-Lhud ukoll iridu jikkonvertu, għaliex għalkemm irċevew il-Liġi u ċ-ċirkonċiżjoni, dawn ma ħarsuhomx, u kellhom bżonn taċ-ċirkonċiżjoni vera, dik tal-qalb (Rum 2,1-29).

Imbagħad l-Appostlu jintroduċi t-tema ċentrali ta' l-Ittra: il-fidi u l-ġustifikazzjoni. "Issa l-ġustizzja ta' Alla dehret mingħajr il-Liġi, għad li l-Liġi u l-profeti jixhdu għaliha. U din hi l-ġustizzja ta' Alla u li Alla jagħti permezz tal-fidi f'Ġesù Kristu lil dawk li jemmnu, bla ma jagħżel bejniethom. Il-bnedmin kollha dinbu u ċċaħħdu mill-glorja ta' Alla; għalhekk issa huma jkunu ġġustifikati bil-grazzja tiegħu li jagħtihom minn rajh permezz tal-fidwa li hemm fi Kristu Ġesù" (Rum 3,21-24) kostitwit vittma ta' espjazzjoni fuq is-salib. Bħala eżempju tal-vera fidi Pawlu jġib dak ta' Abraham (Rum 4,1-25), li Alla riedu jkun "missier ta' dawk kollha li jemmnu" (Rum 4,11). "Meta ma kellu ebda tama, Abraham ittama u emmen; u hekk sar missier ta' kotra kbira ta' ġnus" (Rum 4,18). In-nisrani jrid ikollu l-fidi bħal Abraham, biex hekk ikun iġġustifikat għax jemmen "f'dak li qajjem mill-imwiet lil Ġesù Sidna, li kien mogħti għall-mewt għal dnubietna, u mqajjem għall-ġustifikazzjoni tagħna" (Rum 4,24-25). Din il-ġustifikazzjoni hi r-rahan tas-salvazzjoni tagħna, "għax l-imħabba ta' Alla ssawbet fi qlubna permezz ta' l-Ispirtu s-Santu li kien mogħti lilna" (Rum 5,5). Il-prova ta' dan tinsab fil-fatt li, meta aħna konna għadna midinbin, Kristu miet għalina (Rum 5,8). F'Rum 5,12 Pawlu jitkellem dwar id-dnub tan-nisel: "permezz ta' bniedem wieħed fid-dinja daħal id-dnub, u permezz tad-dnub il-mewt, u hekk il-mewt laħqet il-bnedmin kollha". Imma jekk aħna twelidna fis-solidarjetà mad-diżubbidjenza ta' Adam, Kristu, Adam il-ġdid, ħelisna u ġġustifikana bl-ubbidjenza tiegħu sal-mewt tas-salib. "Il-Liġi daħlet, biex kotru d-dnubiet; fejn kotor id-dnub, kotrot fuq li kotrot il-grazzja ... permezz tal-ġustizzja għall-ħajja ta' dejjem bis-saħħa ta' Ġesù Kristu Sidna" (Rum 5,20-21).

In-nisrani jmut għad-dnub u jgħix f'ħajja ġdida permezz tal-magħmudija (Rum 6,1-23), li fiha mmutu ma' Kristu biex ngħixu miegħu għal dejjem.

Il-ħelsien tan-nisrani mid-dnub ma jistax ikun sħiħ jekk ma jkunx ukoll ħelsien mil-Liġi. Il-Liġi mhijiex ħażina fiha nnifisha, imma hi mhix kapaċi tifdi mid-dnub u mill-mewt (Rum 7,1-25). Hu biss Kristu li ħelisna mill-jasar tal-Liġi, billi tana l-liġi l-ġdida ta' l-Ispirtu li jagħti l-ħajja. Hu l-Ispirtu s-Santu (Rum 8,1-39) li ħelisna mil-Liġi tad-dnub u l-mewt. "Jekk l-Ispirtu ta' dak li qajjem lil Ġesù mill-imwiet jgħammar fikom, Alla stess li qajjem lil Kristu mill-imwiet iqajjem għall-ħajja wkoll il-ġisem mejjet

tagħkom, bis-saħħa ta' l-Ispirtu li jgħammar fikom" (Rum 8,11-12). L-Ispirtu jgħammar fina biex jagħmilna ulied adottivi li ngħajtu lil Alla: "Abba! Missier!" (Rum 8,15). L-istess ħolqien jixxennaq biex jidħol f'din il-fidwa u l-ħelsien ta' wlied Alla (Rum 8,18-25). L-Ispirtu jitlob fina u għalina "bi tnehid li ma jistax jitfisser bil-kliem" (Rum 8,26-27). F'Rum 9,1-11 Pawlu jitkellem dwar il-pjan ta' salvazzjoni li Alla għandu għall-poplu Lhudi. Għalkemm imdawwar minn ħafna privileġġi – adozzjoni, glorja, pattijiet, liġi, kult, wegħdiet (Rum 9,4) -, il-poplu ta' Israel ċaħad dan kollu meta ċaħad lil Kristu. Imma dan il-pjan ta' Alla hu proviżorju, għax in-nuqqas ta' fidi tal-poplu Lhudi kienet tfisser li l-popli l-oħrajn kollha setgħu jilqgħu l-fidi u jsalvaw, sa ma wlied Israel ukoll jidħlu fil-ġemgħa ta' dawk li jilqgħu s-salvazzjoni ta' Kristu.
L-aħħar taqsima ta' l-Ittra (Rum 12-15) Pawlu jiddedikaha l-aktar biex iħeġġeġ lill-insara ta' Ruma biex joffru ruħhom bħala sagrifiċċju ħaj li jogħġob lil Alla, permezz tat-tħaddim tal-kariżmi pesonali għall-ġid tal-komunità u permezz ta' ħajja ta' karità sinċiera (Rum 12,3-9), ubbidjenza lejn l-awtorità u mħabba saħansitra lejn l-għedewwa (Rum 12,9-





*Miletu*

13,7). L-imħabba hi l-milja tal-liġi (Rum 13,8-10).
Fl-epilogu ta' l-Ittra (Rum 15,14-16,27) Pawlu jtenni li jixtieq iżur lill-insara ta' Ruma, u li minn hemm imbagħad jixtieq jevanġelizza Spanja (Rum 15,22-24). Sadanittant hu kellu jħalli l-Maċedonja biex imur Ġerusalemm bl-offerta lejn l-insara foqra ta' dik il-komunità. Fl-aħħarnett Pawlu jsellem lill-kollaboraturi tiegħu fil-ministeru apostoliku (Rum 16,1-23).

## Minn Korintu sa Miletu

Fir-rebbiegħa tas-sena 58 Pawlu kien lest biex jimbarka mill-port ta' Kenkri biex ibaħħar lejn is-Sirja. Imma sar jaf li l-Lhud kienu qed jonsbuh. Għalhekk jiddeċiedi li jmur lura lejn il-Maċedonja u Filippi, fejn iċċelebra l-Għid (Atti 20,5). Minn hemm qasam il-Baħar Eġew lejn Troas, fejn sab jistennew il-kollaboraturi Sopatru minn Berija (Rum 16,21), Aristarku (Atti 19,29; 27,2; Kol 4,10; Film 24) u Sekundu minn Tessalonika, Gaju minn Derbe (Atti 19,29) u Timotju, u Tikiku (Efes 6,21; Kol 4,7; 2Tim 4,12; Tit 3,12) u Trofimu (Atti 21,29; 2Tim 4,20) mill-Asja, li kienu intbagħtu fil-Knejjes biex jiġbru l-offerta għall-insara foqra ta' Ġerusalemm.
Fi Troas Pawlu wasal flimkien ma' Luqa, u dam hemm sebat ijiem. Fl-aħħar jum, li kien il-lejl tal-Ħadd, il-komunità ltaqgħet biex jaqsmu l-ħobż flimkien, jiġifieri biex jiċċelebraw l-ágape u ċ-ċena ewkaristika. Il-liturġija twalet, għax Pawlu dam jgħallem, u wara nofs il-lejl wieħed tfajjel jismu Ewtiku, li kien bilqiegħda fuq ħoġor ta' tieqa, ħadu n-ngħas u waqa' għal isfel. Imma Pawlu niżel ħdejh u reġġgħu lura f'saħħtu, u kompla jiċċelebra l-kult sa l-għada filgħodu kmieni, meta telaq minn Troas.
Ma nafux għaliex, Pawlu mar bil-mixi sa Assos, xi 40 km bogħod minn Troas. Hemm sab jistennewh lill-kollaboraturi tiegħu u imbarka magħhom. Għaddew minn Mitileni, il-belt ewlenija tal-gżira ta' Lesbos,

imbagħad komplew lejn il-gżejjer ta' Kijos u Samos, sa ma waslu Miletu, il-kapitali antika tal-Jonja fuq ix-xmara Meandru, xi 60 km bogħod minn Efesu. Pawlu ma riedx jgħaddi Efesu, biex hekk ma jeħilx fl-Asja, għax ried ikun Ġerusalem għal Għid il-Ħamsin (Atti 20,13-16).

## Id-diskors ta' Pawlu lill-presbiteri ta' Efesu f'Miletu

"Minn Miletu Pawlu bagħat isejjaħ lill-presbiteri tal-Knisja ta' Efesu" (Atti 20,17). Id-diskors lill-presbiteri ta' Efesu (Atti 20,17-38) hu t-tielet diskors ta' Pawlu fl-Atti, wara dak f'Antjokja ta' Pisidja (Atti 13,16-41) u dak fl-Arjopagu ta' Ateni (Atti 17,22-34). Diskors ta' ton personali u konfidenzjali, li jgħinna nifhmu l-umanità kbira ta' Pawlu. Hu jsemmi l-ħidma u t-tbatija tiegħu fl-Asja prokonsolari, biex jikkonvinċi Lhud u pagani biex jemmnu fi Kristu (Atti 20,18-21). Jgħidilhom li l-Ispirtu s-Santu ħabbarlu li f'Ġerusalemm kellu jispiċċa fil-ktajjen u jsofri ħafna, imma li hu kien deċiż li jwassal sat-tmiem il-missjoni li kien imsejjaħ għaliha favur l-Evanġelju (Atti 20,22-24). Jgħidilhom li ma kellhomx jarawlu iżjed wiċċu, u għalhekk iħallilhom testment spiritwali, biex ikunu ragħja li jieħdu ħsieb il-merħla fdata lilhom, biex jirgħu l-Knisja ta' Alla mifdija bid-demm ta' Kristu. Dan għaliex lpup ħattafa kellhom jippruvaw iħarbtu l-merħla. Għalhekk Pawlu jafdahom fil-qawwa tal-Kelma li biha setgħu jkollhom garanzija li jaqdu l-ministeru tagħhom bil-fedeltà. "Kif temm jgħid dan, niżel għarkupptejh jitlob magħhom ilkoll. Imbagħad infexxew ilkoll f'bikja kbira u bdew jgħannqu lil Pawlu u jbusuh. L-aktar li ħassew għax qalilhom li qatt aktar ma kienu se jerġgħu jaraw wiċċu. Imbagħad wassluh sal-ġifen" (Atti 20,36-38).

## Minn Miletu lejn Ġerusalemm

Pawlu, Trofimu, Aristarku u Luqa komplew il-vjaġġ (Atti 21,1-16) fuq ġifen li minn Miletu baħħar qrib il-kosta ta' l-Asja Minuri, biex mess il-gżejjer ta' Kos u Rodi. Minn hemm komplew lejn Patara, l-aktar port importanti tal-Liċja. Minn hawnhekk kellhom jaqsmu l-baħar miftuħ, b'ġifen apposta li kien sejjer il-Feniċja. Salpaw u ġibdu direttament lejn Tir fuq il-kosta tal-Libanu, filwaqt li ħallew il-gżira ta' Ċipru fuq ix-xellug tagħhom. Malli waslu Tir ġew milqugħin mill-insara għal sebat ijiem. Xi dixxipli, "imnebbħin mill-Ispirtu s-Santu, qalu lil Pawlu biex ma jitlax Ġerusalemm" (Atti 21,4). Imma hu kompla fi triqtu, u wara li l-insara akkumpanjawh fuq ix-xtajta u niżlu lkoll jitolbu flimkien, Pawlu kompla triqtu bil-baħar u wasal Ptolemajs (Akri, jew Akko), fejn il-ġifen kellu jħott il-merkanzija, u fejn Pawlu dam ġurnata mad-dixxipli. Minn hawn Pawlu u sħabu komplew il-vjaġġ tagħhom fuq l-art u waslu fil-port ta' Ċesarija Marittima, fejn laqagħhom għandu d-djaknu Filippu (Atti 6,5; 8,5-40), li kellu erba' xebbiet li kellhom id-don tal-profezija. Kien fid-dar ta' Filippu li daħal wieħed profeta mil-Lhudija jismu Agabu (Atti 11,28), li wettaq ġest profetiku simboliku. "Qabad il-ħżiem ta' Pawlu, rabat bih riġlejh u jdejh u qal: 'Dan jgħid l-Ispirtu s-Santu: Hekk għad jorbtuh il-Lhud f'Ġerusalemm lir-raġel li tiegħu hu dan il-ħżiem, u jagħtuh f'idejn il-pagani'" (Atti 21,11). Sħab Pawlu riedu jżommuh milli jitla' Ġerusalemm, imma l-Appostlu baqa' determinat: "Jiena lest biex, għall-isem tal-Mulej Ġesù, mhux biss jorbtuni f'Ġerusalemm, imma wkoll jagħtuni l-mewt" (Atti 21,13). Quddiem din id-determinazzjoni, kellhom biss jaċċettaw li sseħħ fih ir-rieda tal-Mulej.
Hekk Pawlu beda tiela' Ġerusalemm, fejn Pawlu daħal joqgħod għand Mnason, dixxiplu minn Ċipru (Atti 21,16).



# PAWLU: MARTRI FIL-ĦAJJA U FIL-MEWT

*Marcello Ghirlando OFM*

Il-ġrajja li għamlet minn Pawlu "ħolqien ġdid" (2 Kor 5, 17) hija ċertament l-esperjenza li huwa għex fit-triq ta' Damasku, dik il-ġrajja li aħna popolarment insejħulha l-Konverżjoni ta' San Pawl. L-esperjenza Pawlina fit-triq lejn Damasku ma kenitx tant fenomenu mistiku imma bħall-irruzzjoni ta' dak li hu sopranaturali fil-ħajja ta' Pawlu, intervent dirett ta' Alla, li fi Kristu Ġesu', għamel minn Pawlu ħlejqa ġdida. Il-Fariżew u l-persekutur ta' Kristu jsir l-Appostlu li b'imħabba tal-ġenn iħobb lill-istess Kristu. Din hija esperjenza li tgħaqqad

flimkien il-viżjoni ta' Kristu lil Pawlu u l-ħatra tiegħu biex ikun l-appostlu tal-ġnus, xhud/martri ta' l-Imgħallem Imsallab u Irxoxtat,bil-kelma u fuq kollox bil-ħajja kollha tiegħu. Qabel ma nitkellmu minn Pawlu bħala xhud/martri ta' Kristu fil-ħajja u fil-mewt, tajjeb li nġibu quddiem għajnejna xi dettalji ta' dak li jinkiteb meta Pawlu stess u Luqa jitkellmu mill-esperjenza fit-triq ta' Damasku.

"Meta dak li għażilni sa minn ġuf ommi u li sejjaħli permezz tal-grazzja tiegħu, għoġbu jirrivelali lil Ibnu biex inħabbru fost il-ġnus..." (Gal 1, 15-16).

"Iżda l-Mulej wieġbu (lil Ħananija): Mur, għax dan ir-raġel hu għodda magħżula minni biex iwassal ismi quddiem il-ġnus u s-slaten u quddiem ulied Iżrael. Jien stess għad nurih kemm irid ibati minħabba ismi" (Atti 9,15-16).

"Imbagħad hu (Ħananija) qalli: Alla ta' missirijietna għażlek biex tagħraf ir-rieda tiegħu, tara lil Dak li hu l-Ġust u tisimgħu jkellmek b'fommok stess. Għax int għad trid tixhed għalih quddiem il-bnedmin kollha fuq dak li rajt u smajt" (Atti 22, 14-15).

"U l-Mulej qalli: Jiena Ġesu', li inti qiegħed tippersegwitah. Imma qum u ieqaf fuq riġlejk. Għaliex jiena għalhekk dhertlek, biex nagħmlek ministru u xhud tad-dehra li fiha rajtni u ta' dawk li fihom għad nidhirlek. Neħilsek mill-popli u mill-ġnus pagani li għandhom qiegħed nibgħatek, biex tiftħilhom għajnejhom ħalli jerġgħu lura mid-dlam għad-dawl u mis-setgħa tax-xitan u jduru lejn Alla u bil-fidi tagħhom fija, jiksbu l-maħfra tad-dnubiet u jkollhom sehem ma'dak li huma kkonsagrati lil Alla" (Atti 25,15-18).

Fost tant affarijiet, interessanti ninnotaw li is-siltiet imsemmija huma mibnijna fuq il-mudell tas-sejħa tal-profeti fl-Antik Testment. Galatin 1, 15-16 hu mibni fuq Iżaija 49,1 u Ġeremija 1, 5; Atti 9, 15 hu mibni fuq Ġeremija 1,10 u Atti 26, 16-18 jagħmel allużjoni għal Iżaija 46, 6.7.16, Ġeremija 15, 8 u Eżekjel 2, 1. Is-sejħa ta' Pawlu titqiegħed f'riferiment għas-sejħa tal-Qaddej sofferenti ta' Jaħweh biex tidher li kellha tkun immarkata mix-xhieda tat-tbatija, bis-siġill tas-salib, li kellu jkun il-qofol tal-predikazzjoni ta' Pawlu (1 Kor 1, 18-25; 2, 1-5). F'dan il kuntest irridu niftakru li l-veru Qaddej sofferenti hu Kristu, imma fl-istess ħin Pawlu jaqdi





din l-istess missjoni. Fi kliem ieħor Kristu hu l-mudell tas-sejħa ta' Pawlu, anzi, kif jistqarr hu stess, isir il-ħajja stess ta' Pawlu: "Ngħix, imma mhux iżjed jien, iżda jgħix fija Kristu. Il-ħajja li issa ngħix fil-ġisem qiegħed ngħixha bil-fidi fl-Iben ta' Alla, li ħabbni u ta'ruħu għalija" (Gal 2, 20). Is-siltiet juruna li Pawlu, bħall-Profeti ta' l-Antik Testment u fuq kollox bħal Kristu, hu mogħni bil-missjoni li jxandar il-ħelsien u l-fidwa lill-fqajrin u lill-imġarrbin. U dan mhux biss bil-qawwa tal-predikazzjoni tiegħu, imma fuq kollox bil-qawwa tax-xhieda/martirju tiegħu murija fit-tbatija li jġarrab kontinwament minħabba l-missjoni tiegħu.

Dan jidher ċar f'diversi siltiet li nsibu fit-2 Ittra ta' Pawlu lill-Korintin. Pawlu jikteb lill-Korintina għat-tieni darba biex jiddefendi l-ministeru appostolku tiegħu quddiem il-kalunnji ta' xi Insara ta' nisel Lhudi li kienu qed jgħidu li Pawlu ma kienx appostlu. Quddiem din il-kalunnja Pawlu jistqarr bid-dieher li hu fil-fatt kien appostlu. Appostlu li bil-ministeru tiegħu, bix-xhieda/martirju tiegħu kien qed jitlaqqam bis-sħiħ fil-mewt u l-qawmien ta' Ġesu', hu li kellu ministeru appostolku li kien imżejjen bis-sinjali kollha ta' l-appostolat, is-sinjali tat-tbatija u l-mewt ta' l-Imgħallem, tant li hu nnifsu seta' jistqarr lill-Galatin: "Ngħid għalija, ma jkun qatt li niftaħar jekk mhux bis-salib ta' Sidna Ġesu' Kristu, li bih id-dinja hi msallba għalija u jien għad-dinja...jien inġib f'ġismi l-marki ta' Kristu" (Gal 6, 14.17).

Ħa nħallu lil Pawlu stess juri dan.

Lill-Korintin hekk jiktbilhom: "Għax aħna 'l Ġesu' l-Mulej qegħdin inxandru, u mhux lilna nfusna; aħna m'aħniex ħlief qaddejja tagħkom minħabba f'Ġesu' Kristu. Dan Alla li qal: 'Ħa jiddi d-dawl mid-dlam', dak hu li idda fi qlubna biex jagħtina d-dawl ta' l-għarfien tal-glorja ta' Alla, li tiddi f'wiċċ Kristu. Dan it-teżor qiegħed għandna f'ġarar tal-fuħħar,

ħalli b'hekk jidher sewwa li l-kobor ta' din il-qawwa ġej minn Alla, u mhux minna. Aħna minn kullimkien ninsabu magħfusin, iżda m'aħniex mgħattnin; imħassbin, iżda ma għandniex qalbna maqtugħa; ippersegwitati, iżda m'aħniex abbandunati; mixħutin ma' l-art, iżda m'aħniex meqrudin. F'ġisimna dejjem inġorru l-mewt ta' Ġesu', biex f'ġisimna tidher ukoll il-ħajja ta' Ġesù. Għax aħna, għad li qegħdin ngħixu, ninsabu dejjem mogħtija għall-mewt minħabba f'Ġesu' biex il-ħajja ta' Ġesu' wkoll tkun tidher fil-ġisem tagħna li jmut. U b'hekk fina taħdem il-mewt, imma fikom taħdem il-ħajja. Imma billi aħna għandna l-istess spirtu ta' fidi li fuqu hemm miktub; 'Emmint, u għalhekk tkellimt', aħna wkoll emminna, u għalhekk tkellimna; għax nafu li dak li qajjem lill-Mulej Ġesù, lilna wkoll għad iqajjimna flimkien ma' Ġesù u jressaqna quddiemu flimkien magħkom" (2 Kor 4, 5-14).

Aktar 'l quddiem fl-istess ittra Pawlu juri liema kienu fil-fatt is-sinjali ta' l-apposolat tiegħu li, kif igħid hu stess, "li jien għamilthom f'nofskom bis-sabar, b'sinjali u għeġubijiet u għemejjel ta' qawwa" (2 Kor 12, 12). Is-sinjali kienu wkoll it-tbatijiet tiegħu, il-persekuzzjonijiet u t-tiġrib li hu kellu jsofri minħabba x-xhieda/martirju tiegħu fost l-ewwel insara.

Pawlu stess jagħti litanija ta' tbatijiet ma jaqtgħux biex hu jkun fidil għas-sejħa li kien għamillu l-Mulej: "Huma ministri ta' Kristu? Jiena – ħa nitkellem ta' ibleħ! – jiena aktar minnhom. Ħafna aktar minnhom fit-taħbit, ħafna aktar minnhom fil-ħabsijiet, aktar u aktar minnhom fis-swat. Bosta drabi sibt ruħi wiċċ imb wiċċ mal-mewt. Ħames darbiet qlajt mingħand il-Lhud l-erbgħin daqqa neqsin waħda; tliet darbiet tawni s-swat bil-virgi; darb'oħra ħaġġruni. Tliet darbiet rajt l-għarqa; għaddejt lejl u jum f'nofs ta' baħar. Għamilt safar bla għadd; sibt ruħi f'perikli ta' xmajjar, perikli mill-ħallelin, perikli min-nies ta' ġensi, perikli mill-pagani, perikli fl-ibliet, perikli fid-deżert, perikli fil-baħar, perikli mill-aħwa qarrieqa. Taħbit u xogħol iebes; kemm-il darba kelli ngħaddi sahriet bla rqad, bil-ġuħ u bil-għatx; kemm-il darba kelli ngħaddi fis-sawm, fil-ksieħ u fl-għera! U, biex ma nsemmix ħwejjeġ oħra, dak il-ħafna ġej u sejjer tan-nies ta' kuljum għandi, u l-ħsieb tal-knejjes kollha! Min hu marid u m'iniex marid miegħu jien? Min hu dak li jsib min ifixklu, u jien ma nħossnix imbaqbaq? Jekk għandi niftaħar, niftaħar b'dak li hu dgħajjef fija. Alla u Missier Sidna Ġesu' Kristu – li hu mbierek għal dejjem – jaf li m'iniex nigdeb" (2 Kor 11, 23-32).

Pawlu fehem li ħajtu kellha tkun tassew xhieda/martirju, tisħib bis-sħiħ fil-misteru tat-tbatija, tal-mewt u l-qawmien ta'Ġesù. Kien għalhekk li lill-Filippin seta' jiktbilhom: "Jiena ngħodd kollox bħala telf ħdejn il-qligħ kbir li hemm filli nagħraf lil Kristu Ġesu'





Sidi; minħabba fih ridt li nitlef kollox, u ngħodd kollox bħala knis biex nirbaħ lil Kristu, u nkun ninsab fih; mhux għax għandi xi ġustizzja tiegħi, dik li tiġi permezz tal-Liġi, iżda dik li tiġi permezz tal-fidi fi Kristu, il-ġustizzja ġejja minn Alla u mibnija fuq il-fidi. Irrid nagħraf lilu u l-qawwa tal-qawmien tiegħu mill-imwiet, u naqsam miegħu t-tbatijiet tiegħu, u nsir nixbhu fil-mewt, biex jirnexxili nikseb il-qawmien mill-imwiet" (Fil 3, 8-11).

Forsi hu proprju f'dan id-dawl li Pawlu seta' jikteb lill-Kolossin u jgħidilhom: "Jiena issa nifraħ bit-tbatijiet tiegħi minħabba fikom, għaliex bihom jiena ntemm f'ġismi dak li jonqos mit-tbatijiet ta' Kristu għall-ġisem tiegħu li hu l-Knisja. Tagħha jiena sirt ministru, skont ma tani nagħmel Alla għalikom, jiġifieri li nxandar b'mod sħiħ il-Kelma ta' Alla... lilu aħna nħabbru lill-bnedmin kollha, u nwissu u ngħallmu lil kulħadd bil-għerf kollu biex inwasslu lil kull bniedem għall-perfezzjoni fi Kristu. Għalhekk jiena nitħabat u nissielet bis-saħħa tiegħu, li tinsab taħdem fija bil-qawwa kollha tiegħu" (Kol1, 24-29). L-appostlu juri li t-tbatija tiegħu hija t-tkomplija tal-passjoni ta' l-Imgħallem fih, tbatija li mhux biss hija sehem f'dik ta' Ġesu', imma hija tbatija li tixpruna 'l quddiem l-appostolat tiegħu li jkun xhud/martri sħiħ tal-Mulej f'kull taħbit tiegħu, u biha jibni l-Knisja.

Din ix-xhieda/martirju tasal fil-mument sħiħ tagħha fis-sena 67 w.K. bil-kundanna tal-mewt li ġiet esegwita x'aktarx lejn ir-rebbiegħa jew is-sajf ta' l-istess sena.

Lil Timotju hekk kien kitiblu fl-aħħar ittra tiegħu: "Ngħid għalija, demmi ġa mxerred b'sagrifiċċju u żmien it-tluq tiegħi wasal. Tqabadt it-taqbida t-tajba, temmejt il-ġirja, ħarist il-fidi. Mill-bqija hemm merfugħa għalija l-kuruna tal-ġustizzja, li biha f'dak il-Jum iħallasni l-Mulej, l-Imħallef ġust, u mhux lili biss, imma wkoll lil dawk kollha li jkunu għexu fl-imħabba tad-Dehra tiegħu" (2 Tim 4, 6-8).

Pawlu, l-appostlu tal-ġnus, li b'ħajtu u bit-tbatijiet kollha tiegħu kien xehed għal Kristu, jitwaħħad miegħu sal-mewt u jikseb il-premju tant mixtieq, fejn Kristu jsir il-ħajja tiegħu għal dejjem.



# IT-TNAX IL-APPOSTLU MAGĦŻULA MINN KRISTU

*Fr Charles Buttiġieġ*

## Il-Missjoni ta' l-Appostli

Il-kelma 'appostlu' ġejja mill-verb Grieg 'apostello' li jfisser 'jibgħat'. Anke il-verb Ebrajk 'xaluah' għandu l-istess tifsira; infatti fil-Malti għandna l-kelma 'rasul' li tfisser 'messaġġier' u li għandha affinita` mal-verb Lhudi. It-tnax il-appostlu kienu tassew 'mibgħutin' minn Kristu



sabiex ixandru l-Bxara t-Tajba tiegħu. Kollha kienu bnedmin semplici u ordinarji, imma laqgħu s-sejħa ta' Kristu, imxew miegħu u wara bdew jgħallmu f'ismu u jwettqu għeġubijiet kbar, li xerrdu l-Knisja mad-dinja kollha. Fit-Testment il-Ġdid insibu erba' listi ta' l-ismijiet ta' l-Appostli, dejjem maqsumin fi tliet gruppi ta' erbgħa. Dawn l-ismijiet insibuhom f'Mt 10:2-4; f'Mk 3:16-19; f'Lq 6:14-16 u f'Atti 1:13. San Ġwanni fir-raba' evanġelju ma jagħti l-ebda lista, iżda jsemmi 'it-Tnax' darbtejn f'6:67 u f'20:24 u jagħtina ħafna tagħrif dwar l-appostli. Anke l-Atti ta' l-Appstli huwa sors importanti fejn insibu ħafna tagħrif dwarhom. Il-kittieba tal-ewwel sekli tal-knisja ukoll ikomplu jagħtuna ħafna tagħrif.

## L-Ewwel Grupp ta' l-Appostli

Fl-ewwel grupp ta' l-appostli nsibu dejjem l-ewwel wieħed lil Pietru; imbagħad lil Andrija; lil Ġakbu u lil Ġwanni.

## SAN PIETRU:

Ġesù biddel l-isem ta' Xmun bin Ġona għal Pietru (isem li jfisser 'blata'; bl-aramajk: 'kefa'; bil-grieg: 'petra'). Pietru kien miżżewweġ u sajjied fil-għadira ta' Tiberija fil-Galilija; kien minn Betsajda u wara mar joqgħod f'Kafarnahum u Kristu għażlu biex ikun l-Ewwel Kap tal-Knisja u fadalu f'idejh l-imfietaħ tas-Saltna. Huwa għaraf lil Kristu bħala l-Messija fl-istqarrija tal-fidi tiegħu f'Cesarija ta' Filippi: "Inti l-Messija…" (Mk 8:29). Kien dejjem ma' Ġesù fl-iktar mumenti partikolari bħal dak tat-Trasfigurazzjoni u tal-Ġetsemani. Bħala bniedem dgħajjef ċaħad lil Kristu fil-passjoni għal tliet darbiet imma mill-ewwel nidem. Għandna żewġ ittri kanonici minn tiegħu. Huwa ppriedka fil-Palestina, f'Antijokja tas-Sirja fejn kien l-ewwel isqof ta' din il-komunita`, fl-Asja Minuri, fil-Grecja u wara sar Isqof ta' Ruma u l-Ewwel Papa. Ħa l-martirju f'Ruma bit-tislib b'rasu 'l isfel madwar is-sena 64 w.K. Il-qabar tiegħu jinsab taħt l-artal tal-Bażilika tal-Vatikan. Il-Festa liturġika tiegħu hija flimkien ma' San Pawl l-Appostlu tal-Ġnus, fid-29 ta' Ġunju.

## SANT'ANDRIJA:

Andrija jew Indri` kien ħu Pietru, kien ukoll sajjied u qabel ma ltaqa' ma' Kristu kien dixxiplu ta' Ġwanni l-Battista. Meqjus fil-lvant bħala l-'protoclete', jiġifieri l-ewwel wieħed imsejjaħ minn Kristu. Infatti skont San Ġwann ikun huwa li jintroduci lil ħuh Pietru ma' Kristu: "Sibna l-Messija" (Ġw 1:41). Kien hu ukoll li ressaq lejn Ġesù it-tifel li kellu l-ħames ħobżiet u żewġ ħutiet għat-tkattir tal-ħobż (ara Ġw 6:1-15). Ippriedka fl-Asja Minuri u fl-Asja ta' dak iż-żmien.

Ħa l-martirju f'Patras fil-Grecja billi ssallab fuq salib forma ta' 'X' (crux decussata), madwar is-sena 69 w.K. Għandu qima kbira fil-Knisja ta' Konstantinopli u fil-Knejjes kollha tal-Lvant, kif ukoll fil-Gran Brittanja. Il-festa tiegħu hija fit-30 ta' Novembru.

### SAN ĠAKBU:
Ġabku, bin Żebedew u ħu San Ġwann l-Evanġelista, hu meqjus bħala l-ewwel appostlu li ħa l-martirju. L-isem ġej minn 'Iakobos' li huwa forma griega ta' l-isem 'Ġakobb' u hu msejjaħ 'il-Kbir' biex jiddifferenzjawh minn Ġakbu l-ieħor l-appostlu. Kien sajjied fil-Għadira tal-Galilija u flimkien ma' ħuh ġie imsejjaħ minn Kristu bħala 'Boanerges' jiġifieri 'ulied ir-ragħad' (ara Mk 3:17). Kien qabel dixxiplu tal-Battista. Preżenti hu ukoll fit-Trasfigurazzjoni u fil-Ġetsemani. Ippriedka fil-Palestina u skont it-tradizzjoni anke fi Spanja. Ħa l-martirju bil-qtugħ tar-ras fis-sena 44 w.K. minn Erodi Agrippa I, neputi ta' Erodi l-Kbir (ara Atti 12:1-2). Il-fdalijiet tiegħu jinsabu fil-post ta' pellegrinaġġi kbar ta' Santiago de Compostella fi Spanja. Il-festa tiegħu hija fil-25 ta' Lulju.

### SAN ĠWANN:
Ġwanni ħu Ġabku, huwa meqjus bħala d-dixxiplu l-maħbub ta' Ġesù u dan għaliex kien għadu żagħżugħ meta ġie msejjaħ u għalhekk kellu bżonn attenzjoni partikolari. Kien sajjied flimkien ma ħuh u missieru. Kien imqabbad minn Ġesù biex flimkien ma' Pietru jipprepara għall-aħħar ċena. L-uniku wieħed mill-appostli kollha li baqa' preżenti fil-ġrajja tal-Passjoni fejn minn fuq is-salib Ġesù jafdalu lill-Madonna bħala ommu (ara Ġw 19:27). Flimkien ma' Pietru mar ħdejn il-qabar ta' Kristu. Kien appostlu prominenti fil-bidu tal-Knisja. Huwa ppriedka fis-Samarija, fil-Grecja u fl-Asja Minuri. Kiteb ir-raba' evanġejlu, tliet ittri u l-Apokalissi. Ġie meħlus mill-martirju meta tefgħuh fiż-żejt jagħli u ma ġralu xejn u ġie eżiljat ukoll fuq il-gżira ta' Patmos fil-Grecja. Miet f'eta` avvanzata ħafna ġewwa Efesu fit-Turkija madwar is-sena 100 w.K. Huwa cert li ma mietx martri. Il-festa tiegħu hija fis-27 ta' Dicembru.

## It-Tieni Grupp

Fit-tieni grupp fil-lista ta' l-appostli nsibu lil Filippu; lil Bartilmew; lil Tumas u lil Mattew.

### SAN FILIPPU:
Filippu hu ukoll sajjied minn Betsajda. Qabel kien ukoll dixxiplu tal-Battista u huwa wieħed minn tal-bidu li mxew wara Ġesù kif jurina Ġw 1:43. Ikun huwa lil jintroduci lil Natanjel ma' Kristu: "Sibna lil dak li fuqu kitbu Mose` fil-Liġi u l-Profeti fil-kotba tagħhom. Ġesù minn Nażaret bin Ġużeppi"..."Ejja u ara" (Ġw 1:45-46). Kif ukoll għen lil xi griegi f'Ġerusalemm qabel il-Passjoni sabiex jiltaqgħu ma' Kristu: "Dawn marru

għand Filippu u talbuh: 'Sinjur, nixtiequ naraw lil Ġesù'. Filippu mar jgħid lil Indri`, u mbagħad Indri` u Filippu marru jgħidu lil Ġesù" (Ġw 12:20-22). Skond it-tradizzjoni huwa ppriedka fl-Asja Minuri, fil-Grecja, u anke fi Franża. Ħa l-martirju skont xi uħud permezz tat-tislib fuq salib għoli f'Hierapolis ġewwa t-Turkija. Oħrajn isostnu li ġie mħaġġar. Il-fdalijiet tiegħu jinsabu fil-Bażilika tat-Tnax il-Appostli ġewwa Ruma. Il-festa tiegħu hija fit-3 ta' Mejju flimkien ma' San Ġakbu ż-Żgħir.

**SAN BARTILMEW:**
Bartilmew hu msejjaħ Natanjel fil-evanġelju ta' San Ġwann. Kien minn Kana tal-Galilija u ġie mfaħħar minn Ġesù meta rah l-ewwel darba: "Ara, dan tassew wieħed minn Iżrael li jixraqlu dan l-isem; ma hemm ebda qerq fih" (Ġw 1:47). Huwa jistqarr lil Ġesù: "Mgħallem, int l-Iben ta' Alla, int is-Sultan ta' Israel" (Ġw 1:49). Huwa ppriedka f'Ġerusalemm, fl-Asja Minuri, fl-Armenja, fil-Persja u anke skont xi uħud fl-Indja. Ħa l-martirju f'Derbend fl-Armenja billi tqaxxar ħaj. Il-fdalijiet tiegħu jinsabu fil-knisja ta' San Bartilmew f'Ruma fuq il-gżira tat-Tevere fejn inġiebu hemm mill-imperatur Otto III fis-sena 983. Il-festa tiegħu hija fl-24 ta' Awissu.

**SAN TUMAS:**
Tumas imsejjaħ 'Didimus' li bil-grieg tfisser 'it-Tewmi'. L-'appostlu tad-dubji' kif tħobb tlaqqmu t-tradizzjoni għaliex ma emminx mill-ewwel fil-qawmien ta' Kristu: "Jekk ma narax f'idejh il-marka ta' l-imsiemer u ma nqegħidx sebgħi fuq il-marka ta' l-imsiemer u idi fuq ġenbu, jien ma nemminx" (Ġw 20:25). Iżda meta ra lil Kristu Rxoxt huwa wieġeb bl-isbaħ stqarrija tal-fidi: "Mulej tiegħi u Alla tiegħi" (Ġw 20:28). Skont it-tradizzjoni mar jippriedka fis-Sirja, fil-Persja u fl-Indja fejn ħa l-martirju qrib Madras, minfud b'lanza. Il-fdalijiet tiegħu jinsabu ġewwa l-Katidral ta' Ortona l-Italja. Il-festa tiegħu hija fit-3 ta' Lulju.

**SAN MATTEW:**
Mattew, bin Alfew minn Kafarnahum kien pubblikan, jiġbor it-taxxi għar-Rumani. L-isem Lhudi tiegħu kien Levi (kif insibu f'Mk u f'Lq) waqt li dak Grieg kien 'Mattew' (kif insibu f'Mt) li jfisser 'don ta' Alla'. Ġie msejjaħ minn Kristu waqt ix-xogħol tiegħu (ara Mt 9:9-13) u laqgħu għandu fid-dar għall-ikel (ara Lq 5:27-32). Huwa ppriedka b'mod partikolari fil-Palestina, fl-Asja Minuri, u skont it-tradizzjoni mar il-Persja u anke l-Etjopja. Huwa kiteb l-ewwel evanġejlu bl-aramajk kif jixhed tajjeb Papija fis-sena 130 w.K. Aktarx ħa l-martirju ġewwa l-Etjopja jew l-Eġittu. Il-festa tiegħu hija fil-21 ta' Settembru.

## It-Tielet Grupp

L-aħħar erba' appostli huma Xmun il-Kanani; Ġuda Taddew; Ġakbu t'Alfew u Ġuda l-Iskarjota.

**SAN XMUN:**
Xmun il-Kanani (skont Mt u Mk), jew Xmun iż-Żelota (skond Lq) aktarx li qabel kien membru tal-grupp rivoluzzjonarju kontra r-Rumani. Huwa magħruf ukoll bħala Xmun l-Imħeġġeġ u kien minn Kana. Skont xi uħud huwa ppriedka fir-Russja, fl-Afrika u anke fil-Persja. Ħa l-martirju fil-Persja. Il-festa tiegħu hija fit-28 t'Ottubru flimkien ma' San Ġuda Taddew.

**SAN ĠUDA TADDEW:**
Ġuda tat-Taddew hu l-isem li nsibu f'Mt u f'Mk bħala Taddew. F'Luqa u fl-Atti nsibuh bħala Ġuda ta' Ġakbu, għax kien ħu Ġakbu u qarib tal-Mulej (ara Ġuda 1:1). Jissemma fl-aħħar cena waqt id-diskors ta' Ġesù (ara Ġw 14:22). Huwa awtur ta' ittra kanonika u possibbilment it-tielet isqof ta' Ġerusalemm. Ippriedka fl-Asja Minuri u fil-Persja fejn ħa l-martirju. Il-fdalijiet jinsabu fi Franza f'Rheims u f'Toulouse. Il-



festa tiegħu hija fit-28 t'Ottubru ma' San Xmun.

**SAN ĠAKBU T'ALFEW:**
Ġakbu ż-żgħir, bin Alfew huwa meqjus minn ħafna bħala l-qarib tal-Mulej kif juri San Pawl f'Gal 1:19. Huwa awtur ta' ittra kanonika u sar isqof ta' Ġerusalemm u mexxa l-ewwel Koncilju ta' Ġerusalemm (ara Atti 15:13 u Gal 2:9). Huwa ppriedka fis-Sirja u wara fir-Russja fejn ħa l-martirju billi qasmuh minn nofs fis-sena 62 w.K. Il-festa tiegħu hija fit-3 ta' Mejju flimkien ma' San Filippu.

**ĠUDA L-ISKARJOTA – SAN MATTIJA:**
L-appostli kollha huma mill-Galilija minbarra Ġuda l-Iskorjota bin Xmun, li aktarx kien minn Keriot, qrib Hebron fin-nofsinhar tal-Ġudeja. Oħrajn isostnu li kien marbut maż-żeloti. Ġuda kien jieħu ħsieb il-kaxxa tal-flus tal-appostli. Ittradixxa lil Kristu għal tletin biċċa tal-fidda (ara Matt 26:14-16). Miet iddisprat minħabba f'dak li għamel billi tgħallaq (ara Matt 27:3-5 u Atti 1:7). Minfloku mbagħad kien intgħażel Mattija kif naraw fl-Atti 1:23. Il-festa ta' San Mattija hija fl-14 ta' Mejju.

## Konklużjoni

Ġesù għamel sejħa specjali lil dawn it-tnax il-appostlu biex imorru jippridkaw ir-Rebħa Tiegħu fuq il-mewt, kif insibu fl-aħħar ta' kull vanġelu kanoniku; liema missjoni għadha sejra u tkompli fil-Knisja. Il-mixja tagħhom hija wkoll il-mixja ta' kull wieħed u waħda minna, li tibda mill-mument centrali tas-sejħa ta' Kristu u tkompli bil-missjoni ta' din l-istess sejħa.



# IL-ĦARUF TAL-GĦID U SAN PAWL

## (1Kor 5,7)

*Mons Lawrenz Sciberras*

Pawlu kiteb l-ewwel ittra lill-Korintin meta kien Efesu waqt it-tielet vjaġġ missjunarju tiegħu. Wara li kienu waslulu aħbarijiet li fil-komunita taʼ Korintu kien hemm abbużi gravi u dubji fil-konfront tal-Evanġelju li kien għallimhom u xandrilhom huwa stess. Għalhekk Pawlu ddeċieda li jwieġeb għalihom. Ninsabu bejn is-snin 53-u 56 w.K.

## Il-ħmira u l-ħaruf

Fil-kapitlu ħamsa ta' din l-ittra, Pawlu jikkundanna waħda sew u bil-qawwa kollha ż-żina. Imbagħad huwa jkompli jistieden lill-Korintin biex jitnaddfu mill-ħmira l-qadima u hekk isiru għaġna ġdida (1Kor 5,7). Dan huwa kollu kliem figurattiv però huwa kliem li jitlaq miċ-ċelebrazzjoni tal-ikla tal-Għid tal-Lhud pesaħ, li ta' kull sena l-Lhud iċċelebrawha b'tifkira tassew qaddisa. Fl-istess nifs imbagħad Pawlu jkompli billi jqabbel 'il Krist bħala vittma. "Il-ħaruf tal-Għid tagħna, li hu Kristu hu maqtul" (1Kor 5,7).
J. Jeremias fil-ktieb "Le Parole dell' Ultima Cena", iżomm li la darba Pawlu kiteb hekk lill-Korintin, jiġifieri semma l-ħobż ażżmu u l-ħaruf maqtul, ifisser li dawn in-nies kienu jafu waħda sew bit-tradizzjonijiet tal-Lhud. Biss issa hemm bżonn li wieħed jagħmel pass 'il quddiem u jara li l-ħaruf veru tal-Għid ma għadux wieħed aktar annimal, imma huwa Kristu maqtul; Kristu ħaruf li xerred demmu kollu meta temm ħajtu vittma fuq salib. Imma Ġesù wqt li kien jagħmel l-aħħar ikla mal-appostli u qal il-kliem fuq il-kalċi "dan hu demmi, id-demm tal-patt, li jixxerred ekkunomenon, partiċipju, għal ħafna" (Mk 14,24) Ġesù fehem il-mewt tiegħu bħala vittma? Dan għaliex hawn tidher ir-rabta sħiħa ma' Kristu ħaruf li b'demmu mxerred feda d-dinja. It-tweġiba hija fil-pożittiv. Ġesù kien jaf li huwa l-vittma mhux le bħal dawk tat-Testment il-Qadim, jiġifieri xi annimal, imma huwa iben Alla. Fil-Grieg tal-Bibbja tas-Sebgħin (LXX) il-kelmiet ekxein aima jiġifieri ixxerred id-demm dawn iż-żewġ kelmiet flimkien huma dejjem użati mal-qtil jew mal-iskarnar ta' xi bhima dejjem però għas-sagrifiċċju. Mela biex taħarqu fuq xi artal, bħala vittma lill-Mulej.
Permezz ta' dawn il-kelmiet – demm li jixxerred – Ġesù iva fehem il-kwalità ta' mewt kiefra u vjolenti li kellu jieħu. Kienet mewt vikarja, jiġifieri ta' riparazzjoni u tiswija, mewt li ġabet is-sliem fis-sema u fl-art. U dan għaliex min ġarrabha mal-persuna umana tiegħu kellu magħqudin żewġ naturi, divina u umana.

## Sens mimli

Pawlu huwa ta' nisel Lhudi sħiħ, u bħala tali l-festi, l-liturġija u drawwiet qaddisa oħra marbutin mas-sena liturġika tagħhom kien jafhom u jaf jinterpretahom b'mod sħiħ. Mela Pawlu kien żgur mit-tifsira sħiħa u mimlija tal-festa tal-Għid tal-Lhud. Imma Pawlu, issa li għalih il-qadim kien għadda, fl-ikla tal-Għid tal-Lhud, bil-ħaruf maqtul u li ma jiksrulu ebda għadma (Eż 12,46), Pawlu kien qed jara lil Kristu, ħaruf bla tebgħa. Pawlu issa kien żgur minnu nnifsu u kien kapaċi jagħmel mixja fil-ħsieb tiegħu, jiġifieri li l-ħaruf tal-Għid tal-Lhud huwa simbolu tal-messija li ġie maqtul u ssagrifikat bħala ħaruf bla ebda tebgħa.
Pawlu fehem sew li dak li ħabbar Isaija profeta "bħal ħaruf meħud għall-qatla ma fetaħx fommu" (Is 53,7) huwa Kristu u Kristu biss. Mela b'qawwa u konvinzjoni sħiħa issa lill-Korintin Pawlu seta' jiktbilhom: "Il-Ħaruf tal-Għid tagħna, li hu Kristu hu maqtul" jew aħjar huwa ssagrifikat.
Hawn hekk nixtieq niċċara kelma u dan biex nuri aktar it-tifsira sħiħa u preċiża tagħha. Il-kelma hija l-verb "maqtul". Fl-ilsien oriġinali mela l-Grieg il-verb huwa etuthe, minn theo, bil-Latin huwa immolare. Mela jfisser mhux sempliċiment toqtol, u daqshekk, imma toqtol bil-għan li dak li toqtol, mela VITTMA toffrih u tidbħu 'l Alla. Saydon jittraduċi "midbuħ", kelma marbuta ma' midbaħ, artal, u debħa, offerta. Fil-Jerusalem Bible il-verb maqtul huwa sacrificed. "Christ our Passover, has benn sacrificed" (1Cor 5,7).
Mela fil-ħsieb ta' Pawlu l-mewt tal-ħaruf il-ġdid tal-Għid, se sservi ta' fidwa u ta'

sagrifiċċju, se tħabbeb tnejn ma' xulxin, mewt vikarja, mewt redentiva.

## Id-demm tal-Eġittu.

Fil-kliem il-"Ħaruf tal-Għid", bla dubju ta' xejn Pawlu kellu f'moħħu dak l-ewwel ħaruf tip, li qatlu għall-ewwel darba l-Lhud meta dawn kienu għadhom skjavi l-Eġittu. B'demm dan il-ħaruf, dejjem fuq l-amar t'Alla lil Mosè, l-Lhud ċappsu "l-ġnub u l-blata tal-bibien tad-djar" (Eż 12,7), u matul dak il-lejl imbagħad il-mewt ma daħlitx. "Dan hu s-sagrifiċċju tal-Għid tal-Mogħdija tal-Mulej,



meta hu baqa' għaddej minn nofs id-djar ta' wlied Iżrael fl-Eġittu" (Eż 12,27). U din il-ġrajja, sena waħda wara l-oħra l-Lhud baqgħu jfakkruha, zikkaron, bl-istess ikla u xejn anqas jgħixuha.
Għal Pawlu dak li ġara fit-Testment il-Qadim fejn għandu x'jaqsam il-ħaruf, Pawlu irraġuna sew, li dak issa dak huwa tassew Kristu. Tal-imgħoddi kien biss dell (Kol 2,17), il-verità u r-realta' huwa Kristu.



Imma Kristu taħt il-verita' li huwa "midbuħ", li huwa ssagrifikat, li sar vittma biex ipatti. Kristu l-Ħaruf tal-Għid tagħna huwa iva maqtul u midbuħ fuq l-artal tal-Kalvarju, Mela f'moħħ Pawlu hawn it-tixrid tad-demm, hawn il-qerda sħiħa; hawn sagrifiċċju olokawst. Bil-mewt ta' dan il-Ħaruf bla tebgħa hawn debħa ssagrifikata għal ħaddieħor. Fi kliem ċar u sempliċi Kristu jmut vittma fuq l-artal tas-salib fuq il-Golgota biex b'demmu jeħles u jifdi lill-bnedmin mill-ħakma tax-xitan. Dan kollu kien f'moħħ Pawlu, meta lill-Korintin kitbilhom li "il-Ħaruf tal-Għid tagħna li hu Kristu, hu maqtul", midbuħ.
Id-demm ta' Ġesù maqtul Diġà għidna li fil-verb "maqtul", "midbuħ" Pawlu ried igħallem lill-Korintin li Kristu b'mewtu u bid-demm kollu li xerred sar tassew vittma ta' espjazzjoni; mela vittma biex iħallas il-piena ta' għemil ħażin; mela Ġesù sar kollu kemm hu tpattija. Ħaruf divin, safi, bla tebgħa, bla tinġisa, vittma sħiħa. Dan it-tagħlim issa Pawlu b'qawwa kbira jurih f'diversi ittri oħra tiegħu. Ma' dawn hemm ukoll dik lil-Lhud. Hekk lil Efesin: "Imma issa, fi Kristu Ġesù, intom li darba kontu 'l bogħod issa tqarribtu bis-saħħa tad-demm ta' Kristu" (Ef 2,13). Lill-Kolossin, Pawlu jkompli dejjem fuq il-ħsieb ta' fidwa li ġabilna Kristu ħaruf bit-tixrid tad-demm: "Bih Alla għoġbu jerġa' jħabbeb kollox miegħu: bid-demm tiegħu, mxerred fuq is-salib, ġab is-sliem permezz tiegħu fis-sema u fl-art" (Kol 1,20). Lir-Rumani Pawlu jiktbilhom: "Lilu Alla kkostitwih vittma ta' espjazzjoni b'demmu permezz tal-fidi biex b'hekk Alla issa juri l-ġustizzja tiegħu" (Rum 3,23-25).
Ma jifdal għalhekk ebda dubju ieħor minn dak li Pawlu ried jgħallem lill-Korintin. Kristu huwa l-Ħaruf tal-Għid. Iżda mhux le tal-Għid il-qadim, il-mogħdija minn art il-jasar (Eġittu) għal art il-ħelsien u l-libertà (Palestina). Kristu huwa tassew il-Ħaruf tal-Għid ġdid, Għid-Mogħdija li ġabilna Ġesù stess billi mill-mewt għadda għall-ħajja. Iżda biex Ġesù ħaruf ikun jista' jagħmel din il-mixja, l-ewwel ried imut, jinqered; imbagħad iqum, jirxoxta, jirbaħ. Dan l-ewwel għamlu tassew Kristu l-Ħaruf tal-Għid tagħna. Dak tal-qadim kien kollu dell tal-ġdid.
Mela ladarba Kristu qam u rebaħ tassew "nagħmlu festa, mhux bil-ħmira l-qadima, lanqas bil-ħmira tal-qerq u tal-ħażen, imma bil-ħobż bla ħmira tas-safa u tas-sewwa" (l Kor 5,8).



# In-Nawrfaġju ta' San Pawl

## Knisja Arċipretali San Pawl Il-Belt Valletta

*Dun Pawl Sciberras*

**"In-nies tal-gżira ġabu ruħhom tajjeb magħna" (Atti 28,2)**

Il-kwadru titulari ta' San Pawl tal-Belt huwa opra ta' Matteo Perez d'Aleccio, li għex bejn l-1547 u l-1616. Kien ikkummissjonat lill-pittur fl-1579 u tlesta s-sena ta' wara, fl-1580. Il-kwadru tħallas mill-Isqof ta' Malta, Tumas Gargallo, u mill-Kapitlu tal-Katidral, li tawh

bħala rigal lill-ewwel knisja parrokkjali ta' San Pawl il-Belt, minn fejn aktar tard għadda għall-knisja arċipretali ta' llum. Minħabba f'hekk kellu jiċċekken miż-żewġt ignub. Il-kwadru titulari huwa stil Rinaxximentali tardiv, u għalhekk ta' importanza kapitali għall-istorja ta' l-arti f'Malta. Bħala stil influwenza ħafna lil dawk li meddew idejhom biex ipittru x-xena tan-nawfraġju ta' San Pawl f'Malta.

Il-kwadru jinqasam f'żewġ xeni: dik ta' quddiem turi l-bosta nies mill-ġifen li waslu l-art. Ċentrali hija l-figura ta' Pawlu, liebes il-mantar aħmar, jaqta' fost il-kuluri aktarx monokromatiċi tal-bqija tat-titular, għajr għall-ftit kuluri iktar ċari ta' Publju, l-Prinċep tal-gżira, u taċ-ċenturjun Ġulju, it-tnejn libsin ta' suldati Rumani.

Fl-ispazju aktarx għeri tax-xena ta' wara jidher il-ġifen jitħabat waħdu u jitfarrak mal-blat. Ix-xini, simbolu ta' l-ivjaġġar tal-bniedem, li mhux kuntent li jterraq fuq l-art, irid jimraħ saħansitra fuq l-ibħra biex jasal f'artijiet imbiegħda. Ktieb il-Għerf jagħtina silta li tinqara fil-Liturġija tas-Solennità tan-Nawfraġju ta' l-Appostlu Missierna San Pawl, nhar l-10 ta' Frar: "Imma l-providenza tiegħek, Missier, tmexxih (lill-bniedem); għax int ftaħt għalih triq fil-baħar ukoll, u mogħdija bla periklu qalb l-imwieġ. Hekk turi li int tista' teħles minn kull tiġrif, biex ukoll min ma jifhimx jista' jbaħħar" (14,3-4). Il-pittur Perez d'Aleccio, f'dan is-simbolu ried iġib kuntrast, waqfa, anzi! Il-vjaġġ tal-bniedem kellu jieqaf biex tidħol l-inizjattiva tal-Providenza Divina, fil-persuna ta' Pawlu, l-Appostlu ta' Kristu Ġesù, "il-priġunier tal-Mulej" (Efes 4,1). Dak li hu uman jisfaxxa u jintemm. Dak li kien sejjer lejn Ruma pagana, jieqaf biex jiftaħ it-triq għal xi ħaġa ġdida li hi l-Evanġelju lill-Barbaroi, lill-barbari. Luqa, hekk isejħilhom lill-abitanti tal-gżira li laqgħet lil Pawlu u 'l sħabu: "In-nies tagħha (barbaroi) ġiebu ruħhom magħna bi ħlewwa li ma bħalha." (Atti 28,2.4) Ilsien



1.

*Il-kwadru jinqasam f'żewġ xeni:*

*dik ta' quddiem (1) - turi l-bosta nies mill-ġifen li waslu l-art*

*ix-xena ta' wara (2) - jidher il-ġifen jitħabat waħdu u jitfarrak mal-blat*

2.





3.



4.

5



in-nies tal-gżira ta' Malta la kien il-Latin u lanqas il-Grieg. Għal dawk li kienu jitkellmu b'dawn iż-żewġ ilsna, ilsien il-Maltin kien idoqqilhom donnu tgedwid: bar-bar-bar, appuntu, dawk Barbari! Imma l-ħlewwa li wrew ma' dawk li raw l-għarqa, Luqa lanqas iħalliha għaddejja bla msemmija!
Jgħaqqdu l-ġifen u x-xena ta' wara, bil-ġifen jitfarrak mal-blat, (3) max-xena ta' quddiem, il-pittur jagħtina aktar priġunieri mill-ġifen jaqsmu l-baħar lejn l-art: donnhom mit-tifrik tal-paganeżmu għall-art samma tal-fidi fl-Evanġelju. Fl-istess ħin, il-lanza taċ-Ċenturjun Ġulju (4) wkoll tgħaqqad lil dawk fuq l-art mal-ġifen. Is-setgħa ta' Ruma, murija fil-ġifen, li kien sejjer mgħobbi bil-priġunieri lejn il-Belt-ċentru tad-dinja magħrufa dak iż-żmien, ma setgħetx teħilsu mill-qilla tal-maltemp. Kienet il-qawwa ta' Alla fil-persuna ta' Pawlu, l-Appostlu ta' Ġesù Kristu, li ħeles lill-priġunieri minn mewta żgura u lill-abitanti tal-gżira mill-mard li aktar tard fejjaq. Il-pittur ried inissel fina dan il-kuntrast meta tana l-figura prominenti ta' Publju, , li missieru ġie mfejjaq mid-disenterija minn Pawlu nnifsu, hekk kif ġie milqugħ minn Publju fl-oqsma tiegħu, u żammhom għandu għal tlett ijiem. Ix-xena ta' wara tagħti wkoll l-għoljiet ta' Malta u l-baħar imqalleb. L-Iskrittura tfisser bħala simbolu tal-ħażin u tal-vojt il-baħar u l-ilmijiet imqallba. Id-dulluvju ta' żmien Noè jgħarraq il-ħażen tan-nies, l-ilma tal-Baħar tal-Qasab jordom taħtu l-eżerċtu tal-Fargħun ta' l-Eġittu, simbolu tal-ħażin li joħodha kontra Alla fil-Poplu tiegħu. Permezz ta' l-Evanġelju, l-bniedem jeħles mill-għarqa fil-ħażin biex jitla' fuq l-art soda tal-fidi.
Fix-xena prinċipali ta' quddiem jidher l-Isqof Tumas Gargallo (5), benefattur tal-kwadru u iktar u iktar isqof tal-gżira, għarkupptejh quddiem l-Appostlu tal-Ġnus u predeċessur tiegħu fis-Suċċessjoni Apostolika. Fuq in-naħa l-oħra ta' Pawlu jidhru l-Prinċep tal-gżira ta' Malta, Publju, u ċ-ċenturjun Ġulju.
Ix-xena taqbad donnha f'ritratt il-mument meta Pawlu jeħles mill-għarqa, jitla' l-art, u jfarfar il-lifgħa tal-mewt fin-nar (5). Fl-ittra lill-Kolossin, jitlob li jkun jista' jsib dejjem aktar nies li lilhom jista' jwassal l-Evanġelju: fuq il-gżira ta' Malta, fejn wasal nawfragat mill-qilla tal-baħar, il-Maltin kienu minn dawk li għalihom dik it-talba nstemgħet: "Itolbu wkoll għalina, biex Alla jiftħilna l-bieb għall-kelma u nxandru l-misteru ta' Kristu, li minħabba fih jien marbut bil-ktajjen" (Kol 4,3); u lil wieħed mill-ixirka miegħu fix-xandir ta' l-Evanġelju, Timotju, jgħidlu: "Għalih jien qiegħed inbati sa l-irbit tal-ktajjen bħallikieku għamilt xi delitt. Imma l-kelma ta' Alla m'hijiex marbuta" (2Tim 2,9).
F'idu x-xellugija Pawlu jżomm tajjeb il-Ktieb Imqaddes ta' l-Evanġelju (6), waqt li Publju jindika bis-saba' l-werrej ta' idu l-leminija x-xena tal-lifgħa nieżla fin-nar.

Il-kwadru m'hux drammatiku

bħal fil-każ ta' kwadri tan-Nawfraġju Barokki oħra: juri xena bl-inqas dettalji possibbli. Il-ġesti ta' l-idejn u tal-persuna ta' xi wħud minn dawk li jdawru lill-Appostlu jindikaw il-mument meta qegħdin jistagħġbu bil-persuna ta' Pawlu (7), li, għalkemm jeħles mill-għarqa, id-destin ma jaħfirhilux, għax jiġi migdum mil-lifgħa. Luqa jiddeskrivi b'finezza ta' kittieb għaqli din ix-xena, u wieħed li aktarx kien preżenti, mhux l-iktar f'dak li kien qiegħed jiġri minn barra, daqskemm il-ħsus tal-qalb u l-moħħ ta' dawk ta' madwaru: "In-nies tal-gżira, kif raw il-lifgħa mdendla ma' idu, bdew jgħidu wieħed lill-ieħor: 'Dan ir-raġel żgur xi qattiel, għax għad li ħelisha mill-baħar, il-Ġustizzja ma ħallitux jgħix' (Atti 28,4). Bħalma għamel fl-Arjopagu ta' Ateni, nistgħu nissoponu li Pawlu jsib ix-xoqqa f'moxtha biex it-twemmin ta' l-abitanti tal-gżira f'alla tal-Ġustizzja, idawru fit-twemmin fil-ġustizzja ta' Alla Wieħed, li anke lilhom, pagani, jrid li jsalvaw. Luqa kien kiteb fl-Atti: "Hekk ordnalna l-Mulej, 'Jien għamiltek dawl tal-ġnus, biex twassal is-salvazzjoni sa truf l-art'" (13,47). Pawlu, taħt arrest domiċiljari, u fi tmiem ir-rakkont ta' l-Atti, jgħid lill-kapijiet tal-Lhud f'Ruma: "Kunu afu dan, mela, li Alla bagħat din is-salvazzjoni tiegħu lill-pagani; u huma jisimgħu" (Atti 28,29). Semgħu tassew il-pagani Maltin il-kliem ta' l-Evanġelju mwassal lilhom minn Pawlu!
Il-figura ta' l-Evanġelista u awtur tal-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli, Luqa, jidher sewwa sew ħdejn Pawlu, , f'qagħda ta' adorazzjoni u aċċettazzjoni tal-misteru, kuntrastanti għall-bqija ta' dawk li jassistu mistagħġba għax-xena, ħlief għall-figura ta' l-Isqof għarkupptejh. L-istagħġib, fl-Iskrittura kollha, imma l-iktar f'Luqa, huwa għelm ċar ta' min jilqa' l-misteri ta' Alla b'fidi u umiltà. Luqa jidher iwieżen lil Pawlu bl-attenzjoni u bl-appoġġ tiegħu. Donnu l-artist ried li kif fl-Iskrittura l-Kanoni tat-Testment il-Ġdid iwieżen u jissanzjona l-Ittri ta' San Pawl billi jqiegħed l-Atti qabilhom, hekk Luqa jxierek lil Pawlu f'dan il-vjaġġ.

Il-folla li ddawwar lil Pawlu hija ferm ikbar minn fi kwadri oħra, u lill-Maltin turihom imlibbsa t-turban Għarbi. Il-Maltin jidhru libsin ilbies aktarx eżotiku (8). Il-folla ma tidhirx ikkonċentrata biss fuq Pawlu u l-lifgħa mfarfra minnu fin-nar, imma pjuttost tgħaddi l-kummenti tal-konklużjoni tagħhom lil xulxin.


6.


7.

8.




# IL-MISTERJU TAT-TRINITA' QADDISA (3)

*P. Gwido Schembri ofm*

## b) Fil-kitba ta' San Pawl

### It-tliet persuni jissemmew flimkien u distinti minn xulxin:

1. Meta San Pawl jitkellem fuq l-għażla tiegħu ta' appostlu minn Alla, biex ixandar lil Ibnu Ġesù u fuq l-Ispirtu s-Santu li wera d-divinità ta' Kristu fil-qawmien mill-imwiet (Rum 1,1-17).
2. Meta l-appostlu jitħaddet fuq il-ġustifikazzjoni mill-Missier permezz ta' Ġesù Kristu u

t-tama li tissawwab mill-Ispirtu s-Santu (Rum 5,1-5).

3. Meta jitħaddet fuq il-Liġi ta' Mosè li l-Missier ħelisna minnha meta bagħat lil Ibnu Ġesù u bdejna ngħixu skont l-Ispirtu (Rum 8,3ss.)

4. Meta jgħid li l-Ispirtu ta' Dak (=il-Missier) li qajjem lil Ġesù mill-mewt jgħammar fina (Rum 8,11).

5. Bil-grazzja mogħtija minn Alla, Pawlu hu qaddej ta' Ġesù biex il-pagani jkunu offerta lil Alla mogħtija mill-Ispirtu s-Santu (Rum 15,16-19).

6. Pawlu jitlob lir-Rumani f'ġieħ Sidna Ġesù Kristu li jingħaqdu miegħu fit-taqbida bit-talb tagħhom lil Alla (=il-Missier) għalih (Rum 15,30)

7. Ebda għajn qatt ma rat u ebda widna qatt ma semgħet dak li Alla ħejja għalina (=Alla l-Missier, skont it-test li Pawlu hawn ikkwota) u għarrafulna permezz ta' l-Ispirtu qaddis tiegħu (1 Kor 2,6-16).

8. Xi wħud mill-Korintin tnaddfu, ġew ikkonsagrati u ġġustifikati f'isem Sidna Ġesù
Kristu u fl-Ispirtu ta' Alla (=il-Missier tagħna) (1 Kor 6,11).

9. Aħna membri tal-ġisem mistiku ta' Kristu (=il-Knisja) u tempju ta' l-Ispirtu s-Santu, u għalhekk għandna nagħtu glorja lil Alla (=lill-Missier) 1 Kor 6,15-20).

10. Hu Alla (=il-Missier) Ii jwettaqna f'Ġesù u kkonsagrana. Hu ssiġillana u tana l-Ispirtu fi qlubna bħala garanzija (2 Kor 1,21s.).

11. Fl-ittra lill-Galatin (kap 1, vrus 1-6) San Pawl isemmi lil Alla ta' Abraham (il-Missier), lil Ġesù Kristu li fih il-Galatin emmnu, u lill-Ispirtu s-Santu li huma ħadu.

12. Fl-ittra lill-Efesin (kap 1, vrus 3-13) l-appostlu jsemmi lill-Missier li għamilna wlied adottivi permezz ta' Ibnu Sidna Ġesù Kristu, u ssiġillana bl-Ispirtu s-Santu, imwiegħed lilna u l-garanzija tal-wirt tagħna.

13. Aħna l-insara aħna mibnijin f'tempju qaddis tal-Mulej, li l-ġebla tax-xewka tal-pedament tiegħu hu Kristu, u f'għamara tiegħu permezz ta' l-Ispirtu s-Santu (Efes 2,20-22).

14. Aħna naqdu lil Alla (=il-Missier) fl-Ispirtu (s-Santu) u nifirħu fi Kristu Ġesù (Filip 3,3).

15. San Pawl wissa lit-Tessalonkin fil-Mulej Ġesù biex jgħixu ħajja qaddisa kif irid Alla (il-Missier) li tahom l-Ispirtu s-Santu tiegħu (1Tes 4,1-8).

16. L-appostu jitlob lit-Tessalonkin li jroddu ħajr lil Alla għal dak li Alla jrid minnhom fi Kristu Ġesù biex ma jnaqqsux il-qawwa ta' l-Ispirtu (1 Tes 5,18s.).

17. San Pawl jirringrazzja lil Alla li għażel it-Tessalonkin biex jitqaddsu fl-Ispirtu (is-Santu) u jiksbu l-glorja ta' Sidna Ġesù Kristu (2 Tes 2,13ss.).

18. Meta dehret it-tieba ta' Alla s-Salvatur tagħna, hu (Alla l-Missier) salvana permezz tal-ħasil ġdid tal-magħmudija u ta' l-Ispirtu s-Santu. Dan l-Ispirtu s-Santu hu sawbu fuqna permezz ta' Ġesù Kristu s-salvatur tagħna (Tit 3,4-11).

19. Is-salvazzjoni kienet l-ewwel imxandra mill-Mulej (Ġesù), imbagħad mgħoddija lilna minn dawk li semgħuh (l-appostli, eċċ.). U Alla (i-Missier) stess xehed għaliha...b'doni ta' l-Ispirtu s-Santu skont ma għoġob lilu (Lhud 2,2-4).

20. L-ittra lil-Lhud titkellem fuq dawk li ħallew il-fidi f'Alla, sallbu lil Ġesù Kristu u nsew id-doni li ħadu mill-Ispirtu s-Santu (Lhud 6,4-6).

21. L-ittra lil-Lhud titħaddet ukoll fuq id-demm ta' Kristu li permezz ta' l-Ispirtu etern offra lilu nnifsu bla tebgħa lil Alla, u kiseb is-salvazzjoni tagħna (Lhud 9,14).

## F'San Ġwann

San Ġwann jitkellem b'mod profond fuq it-tliet persuni imma b'relazzjoni tal-Missier ma' l-Iben, u ta' l-Iben ma' l-Ispirtu s-Santu. Għalhekk se nitrattaw fit-tieni parti ta' dan l-artiklu fuq dawn iż-żewġ relazzjonijiet bla ma nieqfu fuq it-tliet persuni msemmijin flimkien.



KUMMISSARJAT
TA' L-ART IMQADDSA
MALTA

# FL-ART IMQADDSA

## MAL-FRANĠISKANI, L-ARĊISQOF U Ż-ŻGĦAŻAGĦ

MIL-5 SAT-13 TA' LULJU 2009

*Għeżież żgħażagħ. Hi x-xewqa ta' l-Arċisqof Pawlu Cremona li "Nitilgħu lejn Ġerusalemm". Hi x-xewqa ta' kull min iħobb l-Art tal-Bibbja, li fiha twieled u għex Ġesù. Il-Patrijiet Franġiskani qed joffrulek opportunità unika biex tara din l-Art Imqaddsa. Il-pellegrinaġġi li jorganizza l-Kummissarjat ta' l-Art Imqaddsa joħduk tara mhux inqas minn 30 Santwarju.*